Clearance is required.

Public transport will be affected.

Vittoriosa

On Saturday, 18th October, on Monday, 20th October, on Thursday, 23rd October, 2025, from 6.00 a.m. to 11.59 p.m.; and from 6.00 a.m. of Thursday, 30th October, 2025 to 11.59 p.m. of Sunday, 2nd November, 2025, through Xatt ir-Risq.

Public transport will not be affected.

Ħal Għaxaq

On Monday, 20th October, 2025, from 6.00 a.m. to 11.00 a.m., through Triq Santa Marija in front of Beta Pharmacy;

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Santa Marija minn Santu Rokku sa Triq il-Ġebelin, Vjal il-Labour minn ħdejn il-mużew tal-bniet u Triq G. M. Farrugia minn Triq il-Ġarakol sal-pjazza.

Il-Fgura

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Ottubru, 2025, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Wesgħa Reggie Miller u Triq Anġlu u Marianna Camilleri.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

In-Nadur

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Novembru, 2025, mit-2.45 p.m. sas-7.30 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann u Triq it-Tlettax ta' Diċembru.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025 mit-3.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Pietru Pawl Saydon; mis-6.45 a.m. sal-10.15 a.m., minn Triq Dun Ġużepp Zammit u Triq il-Ħaddiema; mis-7.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Vjal il-Blue Grotto; mis-6.55 a.m. sat-8.05 a.m., minn Triq il-Qrendi; mis-7.55 a.m. sad-9.50 a.m., minn Triq il-Belt Valletta; mis-7.30 a.m. sad-8.45 a.m., minn Triq Ħal Far; u mis-7.31 a.m. sat-8.30 a.m., minn Triq Ta' Bengħajsa.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-6.55 a.m. sat-8.05 a.m., minn Triq il-Qrendi u Triq il-Warda; mis-7.04 a.m. sat-8.30 a.m., minn Triq it-Tempesta; u mis-7.05 a.m. sat-8.05 a.m., minn Triq il-Fulija, Triq il-Vjatku, Triq Soubirous u Triq Massabielle.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-7.10 a.m. sat-8.35 a.m., minn Triq il-Qrendi; mis-7.12 a.m. sat-8.50 a.m., minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija; u mis-7.15 a.m. sat-8.55 a.m., minn Triq l-Imqabba.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

On Friday, 31st October, 2025, from 4.00 p.m. to 11.00 p.m., through Triq Santa Marija from Santu Rokku to Triq il-Ġebelin, Vjal il-Labour from near the girls' doctrine musuem and Triq G. M. Farrugia from Triq il-Ġarakol to the square.

Fgura

On Sunday, 26th October, 2025, from 7.00 a.m. to 1.00 p.m., through Wesgħa Reggie Miller and Triq Anġlu u Marianna Camilleri.

Public transport will not be affected.

Nadur

On Sunday, 9th November, 2025, from 2.45 p.m. to 7.30 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann and Triq it-Tlettax ta' Diċembru.

Public transport may be affected.

Żurrieq

On Sunday, 16th November, 2025, from 3.30 a.m. to noon, through Triq Pietru Pawl Saydon; from 6.45 a.m. to 10.15 a.m., through Triq Dun Ġużepp Zammit and Triq il-Ħaddiema; from 7.00 a.m. to 10.00 a.m., through Vjal il-Blue Grotto; from 6.55 a.m. to 8.05 a.m., through Triq il-Qrendi; from 7.55 a.m. to 9.50 a.m., through Triq il-Belt Valletta; from 7.30 a.m. to 8.45 a.m., through Triq Ħal Far; and from 7.31 a.m. to 8.30 a.m., through Triq Ta' Bengħajsa.

Public transport will be affected.

Qrendi

On Sunday, 16th November, 2025, from 6.55 a.m. to 8.05 a.m., through Triq il-Qrendi and Triq il-Warda; from 7.04 a.m. to 8.30 a.m., through Triq it-Tempesta; and from 7.05 a.m. to 8.05 a.m., through Triq il-Fulija, Triq il-Vjatku, Triq Soubirous and Triq Massabielle.

Public transport will be affected.

Mqabba

On Sunday, 16th November, 2025, from 7.10 a.m. to 8.35 a.m., through Triq il-Qrendi; from 7.12 a.m. to 8.50 a.m., through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija; and from 7.15 a.m. to 8.55 a.m., through Triq l-Imqabba.

Public transport will be affected.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-7.18 a.m. sad-9.40 a.m., minn Triq l-Industrija saċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop; mis-7.21 a.m. sat-8.10 a.m., minn Triq Carmelo Caruana; mis-7.56 a.m. sal-9.45 a.m., mit-triq taċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop; mis-7.57 a.m. sad-9.46 a.m., minn Triq il-Lewżiet; mis-7.58 a.m. sad-9.47 a.m., minn Triq Taż-Żebbiegħ; mis-7.59 a.m. sad-9.48 a.m., minn Triq id-29 ta' Mejju 1592; mit-8.00 a.m. sad-9.49 a.m., minn Triq il-Fdal Paleokristjani inkluż Triq Raffaele Caruana; mit-8.02 a.m. sad-9.51 a.m., minn Triq Ħal Safi; u mit-8.05 a.m. sad-9.53 a.m., minn Triq il-Belt Valletta.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Safi

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-7.21 a.m. sat-8.10 a.m., minn Triq Carmelo Caruana; mis-7.30 a.m. sad-8.45 a.m., minn Sqaq Karwija; mis-7.26 a.m. sat-8.25 a.m., minn Triq it-Torri Ta' Ġawhar; u mis-7.27 a.m. sad-9.00 a.m., minn Triq Ħal Far.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Luqa

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 2025, mis-7.40 a.m. sad-9.18 a.m., minn Triq Ħal Far; mis-7.48 a.m. sad-9.27 a.m., minn Vjal l-Avjazzjoni; u mis-7.50 a.m. sad-9.31 a.m., mit-triq bla isem li twassal għat-tunnels.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mosta

Nhar is-Sibt, 29 ta' Novembru, 2025, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq it-Trinċetta (in-naħa ta' Triq il-Mitħna).

Traffiku ġej minn Triq Freddie Micallef se jkun devjat lejn Triq l-Istrinġell lejn Triq il-Mitħna.

Hemm bżonn ta' clearance.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Novembru, 2025, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., mill-ewwel filliera tal-ispazju ta' parkeġġ ħdejn il-bażilika. Parkeġġ ta' vetturi huwa għalhekk projbit.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

Ħal Kirkop

On Sunday, 16th November, 2025, from 7.18 a.m. to 9.40 a.m., through Triq l-Industrija till Ħal Kirkop's cemetery; from 7.21 a.m. to 8.10 a.m., through Triq Carmelo Caruana; from 7.56 a.m. to 9.45 a.m., through Ħal Kirkop's cemetery street; from 7.57 a.m. to 9.46 a.m., through Triq il-Lewżiet; from 7.58 a.m. to 9.47 a.m., through Triq Taż-Żebbiegħ; from 7.59 a.m. to 9.48 a.m., through Triq id-29 ta' Mejju 1592; from 8.00 a.m. to 9.49 a.m., through Triq il-Fdal Paleokristjani including Triq Raffaele Caruana; from 8.02 a.m. to 9.51 a.m., through Triq Ħal Safi; and from 8.05 a.m. to 9.53 a.m., through Triq il-Belt Valletta.

Public transport will be affected.

Ħal Safi

On Sunday, 16th November, 2025, from 7.21 a.m. to 8.10 a.m., through Triq Carmelo Caruana; from 7.30 a.m. to 8.45 a.m., through Sqaq Karwija; from 7.26 a.m. to 8.25 a.m., through Triq it-Torri Ta' Ġawhar; and from 7.27 a.m. to 9.00 a.m., through Triq Ħal Far.

Public transport will be affected.

Ħal Luqa

On Sunday, 16th November, 2025, from 7.40 a.m. to 9.18 a.m., through Triq Ħal Far; from 7.48 a.m. to 9.27 a.m., through Vjal l-Avjazzjoni; and from 7.50 a.m. to 9.31 a.m., through the unnamed street leading to the tunnels.

Public transport will be affected.

Mosta

On Saturday, 29th November, 2025, from 8.00 a.m. to 5.00 p.m., through Triq it-Trinċetta (Triq il-Mitħna's side).

Traffic coming from Triq Freddie Micallef will be diverted to Triq l-Istrinġell to Triq il-Mitħna.

Clearance is required.

Public transport will be affected;

On Sunday, 30th November, 2025, from 3.00 p.m. to 9.00 p.m., through the first row of the parking space next to the basilica. Parking of vehicles will thus be prohibited.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

17th October, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 191 tal-2025

Iffilmjar f'lokalitajiet differenti – Countess of Montecristo

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara kollha, sidien ta' bastimenti u għaddasa, li se jsir iffilmjar f'lokalitajiet differenti.

Matul l-iffilmjar il-bażi se tkun fiċ-Ċirkewwa South Quay, li se tkun ristretta fl-użu mill-Ħamis, 23 ta' Ottubru, 2025 sas-Sibt, l-1 ta' Novembru, 2025.

L-iffilmjar se jsir bejn il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2025 u l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru, 2025, fil-jiem elenkati għal kull lokalità kif ġej:

Paradise Bay

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir fi kwalunkwe ġranet bejn il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru u t-Tlieta, 28 ta' Ottubru, 2025, f' żona A, kif muri fuq grafika A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-orizzont ma għandux ikun ostakolat, għalhekk l-ebda tlajjar mhu permess.

Ix-Xlokk ta' Malta (qrib Filfla)

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir f'kull ġurnata bejn il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru u t-Tlieta, 28 ta' Ottubru, 2025, f'żona B, kif muri fuq grafika B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-ebda tlajjar mhu permess fiż-żona indikata.

Comino Cave

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir f'kull jum bejn il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru u s-Sibt, l-1 ta' Novembru, 2025, f'żona C, kif muri fuq grafika C fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-ebda tlajjar mhu permess fiż-żona indikata.

Il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir f'kull ġurnata bejn it-Tnejn, 27 ta' Ottubru u l-Ħadd, 2 ta' Novembru, 2025, f'żona D, kif muri fuq tabella D fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-ebda tlajjar mhu permess fiż-żona indikata.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 191 of 2025

Filming in different localities – Countess of Montecristo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners, owners of vessels and divers, that filming activities will take place in different localities.

During these filmings the base will be at Ċirkewwa South Quay, which will be restricted in use from Thursday, 23rd October, 2025 to Saturday, 1st November, 2025.

Filming will take place between Friday, 24th October, 2025 and Wednesday, 17th December, 2025, on the days listed for each locality as follows:

Paradise Bay

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Friday, 24th October and Tuesday, 28th October, 2025, within area A, as shown on the chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality a clear horizon is requested, therefore no loitering is allowed.

Southeast of Malta (Close to Filfla)

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Friday, 24th October and Tuesday, 28th October, 2025, within area B, as shown on the chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality no loitering is allowed within the area indicated.

Comino Cave

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Friday, 24th October and Saturday, 1st November, 2025, within area C, as shown on the chart C found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality no loitering is allowed within the area indicated.

Il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Monday, 27th October and Sunday, 2nd November, 2025, within area D, as shown on chart D found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality no loitering is allowed within the area indicated.

Il-Bajja tal-Ġnejna/Il-Qarraba

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir fi kwalunkwe ġranet bejn it-Tlieta, 28 ta' Ottubru u l-Ħadd, 2 ta' Novembru, 2025, f'żona E, kif muri fuq chart E fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-orizzont ma għandux ikun ostakolat, għalhekk l-ebda tlajjar ma huwa permess fiż-żona indikata.

Il-Port il-Kbir (bejn Lascaris Wharf u l-Ponta tal-Imgerbeb)

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir fi kwalunkwe ġranet bejn il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru u t-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2025, f'żona F, kif muri fuq grafika F fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-ebda tlajjar mhu permess fiż-żona indikata.

Manoel Island

L-iffilmjar f'din il-lokalità huwa skedat li jsir f'kull ġurnata bejn il-Ħamis, 11 ta' Diċembru u l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru, 2025, f'żona G, kif muri fuq grafika G fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt l-iffilmjar f'din il-lokalità l-ebda tlajjar mhu permess fiż-żona indikata.

L-iffilmjar għandu jsir minn kwalunkwe wieħed mill-bastimenti li ġejjin:

Workboat – 'Maria C' u
RHIBs – 'Nautica 1', 'Nautica 2', Nautica 3' 'Sahara Z2 u 'Nevada'

Meta jintlemaħ xi wieħed mill-bastimenti msemmija hawn fuq, qed tintalab distanza ta' sikurezza ta' 200m minnhom.

Il-baħħara, is-sidien tal-bastimenti u l-għaddasa kollha huma avżati li d-dħul fiż-żoni (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) għandu jiġi evitat fid-dati msemmija hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela, b'veloċità baxxa u jagħtu spazju wiesa' meta jkunu fil-viċinanza, u għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq u josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 177, 211, 2537

Is-17 ta' Ottubru, 2025

Il-Bajja tal-Ġnejna/Il-Qarraba

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Tuesday, 28th October and Sunday, 2nd November, 2025, within area E, as shown on chart E found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality a clear horizon is requested, therefore no loitering is allowed within the area indicated.

The Grand Harbour (between Lascaris Wharf and il-Ponta tal-Imgerbeb)

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Friday, 14th November and Tuesday, 18th November, 2025, within area F, as shown on chart F found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality no loitering is allowed within the area indicated.

Manoel Island

Filming in this locality is scheduled to be carried out on any days between Thursday, 11th December and Wednesday, 17th December, 2025, within area G, as shown on chart G found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During filming in this locality no loitering is allowed within the area indicated.

Filming will be carried out from any of the following vessels:

Workboat – 'Maria C' and
RHIBs – 'Nautica 1', 'Nautica 2', Nautica 3' 'Sahara Z2 and 'Nevada'

When any of the abovementioned vessels are sighted a safety distance of 200m from them is being requested.

All mariners, owners of vessels and divers are advised that entry into the areas as shown on the charts found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) is to be avoided on the abovementioned dates.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity, they are to keep out of the abovementioned area and to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Charts affected: BA 177, 211, 2537

17th October, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' ICT and Business Analyst fl-Information Management Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' ICT and Business Analyst biex jaqdi dmirijiet f'San Vinċenz de Paul, fil-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' ICT and Business Analyst huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2025 huwa ta' €27,145.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €29,829.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' ICT and Business Analyst titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00) fis-sena 2025 wara erba' (4) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti u jekk tkun lestiet kors speċifiku ta' ICT Toolkit relatat ma' dan il-grad kif stabbilit minn żmien għall-żmien mill-Amministrazzjoni Ċentrali.

2.4 Persuna fil-Grad ta' ICT and Business Analyst fi Skala ta' Salarju 8 tkun intitolata wkoll għall-bonus marbut mal-prestazzjoni li jista' jvarja minn 0% sa 10% tas-salarju bażiku tiegħu. L-ammont pagabbli jiġi ddeterminat miċ-Chief Information Officer wara li tiġi kkunsidrata l-prestazzjoni tal-uffiċjal, u fejn japplika, kwalunkwe rakkomandazzjoni li titressaq mis-superjur immedjat tal-uffiċjal. Il-ħlas tal-bonus huwa suġġett għall-policies tal-Amministrazzjoni Ċentrali skont kif inhuma fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Il-persuna maħtura tkun intitolata wkoll għal 'annual all-inclusive communication allowance' ta' €500 u allownce ta' klassi annwali ta' €5,000.

Il-persuna maħtura tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma stipulati fil-Working Conditions for Officers within the Information and Communications Technology (ICT) Class.

2.5 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux

MINISTRY FOR HEALTH
AND ACTIVE AGEING

Post of ICT and Business Analyst in the Information Management Unit within the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (Active Ageing), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post of ICT and Business Analyst to perform duties at St Vincent de Paul in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of ICT and Business Analyst is Salary Scale 9, which in the year 2025 is equivalent to €27,145.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €29,829.00.

2.3 An ICT and Business Analyst will progress to Scale 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00) on completion of four (4) years service in the grade, subject to satisfactory performance and subject to the completion of a specific ICT Toolkit course related to the grade as established from time to time by the Central Administration.

2.4 An ICT and Business Analyst on Salary Scale 8 is eligible for a Performance Bonus which may vary from 0% to 10% of his basic salary. The amount payable shall be determined by the Chief Information Officer after consideration of the officer's performance and any recommendations forwarded by the officer's immediate superior where applicable. Payment of bonus is also subject to Central Administration's policies in force from time to time.

Appointees will also be entitled to an annual all-inclusive communication allowance of €500 and an annual class allowance of €5,000.

Appointees will also be entitled to such other benefits and such other conditions and obligations as stipulated in the Working Conditions for Officers in the Information and Communications Technology (ICT) Class.

2.5 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not

aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.6 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' ICT and Business Analyst huma:

i. Jipprovdi appoġġ tekniku, skont kif meħtieġ;

ii. Jikkordina u jissorvelja l-kumpilazzjoni ta' data użata għal skopijiet ta' rappurtar ta' negozju u jipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-ġenerazzjoni tagħhom;

iii. Jirrevedi kuntratti tal-ICT u jiżgura l-ħarsien ta' SLAs hekk kif miftiehma mal-ministeru jew dipartiment ikkonċernat;

iv. Jikkordina 'change management process' u, fejn applikabbli, jiżgura li l-utenti kollha (interni u esterni) ikunu infurmati bil-bidliet magħmula fis-sistemi tal-informazzjoni;

v. Jassisti lis-CIO fil-ġbir ta' data meħtieġa għat-tħejjija u l-monitoraġġ tal-pjanijiet tal-ministeru jew dipartiment fil-qasam tal-ICT, b'attenzjoni speċjali għall-pjanijiet strateġiċi, ta' bbaġitjar, u dawk ta' operazzjoni;

vi. Jiżgura li s-sistemi ta' informazzjoni li qed jiġu implimentati huma utilizzati u sfruttati fl-intier tagħhom, u fejn il-ħtiġiet tal-utent ġew milħuqa totalment;

earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.6 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3. The job duties for the post of ICT and Business Analyst include:

i. Provides technical support as applicab1e;

ii. Coordinates and supervises the compilation of data used for business reporting purposes and provides the necessary support for their generation;

iii. Reviews ICT contracts and ensures that SLAs agreed with the Ministry/Department are adhered to;

iv. Coordinates the change management process and ensures that users and the pub1ic, where applicable, are informed of changes made to information systems following new implementations, upgrades or enhancements;

v. Assisting the CIO in gathering the necessary data for the preparation and monitoring of the strategic, budgeting and operational plans of the Ministry/Department in the area of JCT;

vi. Ensures that information systems being implemented are used to their optimum, and where necessary, user requirements for new software applications are met;

vii. Jikkordina taħriġ fuq Sistemi ta' Informazzjoni, fejn applikabbli;

viii. Jassisti lill-amministrazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Istrategija tan-Negozju tal-lCT, kontinwità tan-negozju, u 'disaster recovery';

ix. Ikun konxju tar-Regolamenti Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data u tal-importanza u r-rilevanza tagħhom għall-Ministeru/Dipartiment u jagħti pariri fuq l-osservanza tagħhom b'aċċenn partikolari għal sistemi tal-ICT fi ħdan il-Ministeru/Dipartiment;

x. Jippartecipa fil-kumpilazzjoni tad-definizzjonijiet li jikkostitwixxu r-rekwiziti neċessarji u jiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema jissodisfaw ir-rekwiżiti tan-negozju tal-Ministeru/Dipartiment;

xt. Jassisti waqt 'user acceptance testing' sabiex jiġi żgurat li s-sistema hekk kif żviluppata tissodisfa r-rekwiżiti tan-negozju u hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet miftiehma;

xii. Jassisti u jappoġġja lis-superjuri tiegħu biex jifhmu l-ICT-Business functionalities f'oqsma speċifiċi tan-negozju;

xiii. Jissorvelja u jevalwa teknoloġiji ġodda, dwar ir-rilevanza tagħhom għall-Ministeru/Dipartiment u joffri pariri xierqa bil-għan li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-imsemmija teknoloġiji;

xiv. Iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi u t-tendenzi tekniċi u strateġiċi fi ħdan l-industrija tal-ICT u f'oqsma speċifiċi tan-negozju;

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xvi. Kwalunkwe kompitu iehor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvii. Kwalunkwe dmir iehor hekk kif ordnat mis-Segretarju Pennanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

vii. Coordinates training for current and new staff on Information Systems in use;

viii. Assists the Department/Ministry's management in the implementation of the ICT Business strategy, business continuity and disaster recovery;

ix. Is aware of the Data Protection Act and of its importance and relevance to the Ministry/Department and advises management on its practical observance vis-à-vis ICT systems of the Ministry/Department;

x. Participates in the compilation of the requirements definition and ensures that the system specifications meet the business requirements of the Ministry/Department;

xi. Assists during user acceptance testing to ensure that the system developed meets the business requirements and is according to the specifications agreed to;

xii. Assists and supports his superiors in the understanding of the ICT-Business functionalities of specific business areas;

xiii. Monitors and evaluates new technology for its relevance to the Ministry/Department and offers advice accordingly in order to take full advantage of such technology available,

xiv. Keeps abreast with technical and strategic developments and trends within the ICT industry and specific business area/s;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

iii. Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Kompjuter u/jew ICT jew kwalifika professjonali komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti f'ambjent formali u matur tal-ICT.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċettata biss

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. In possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Computing and/or ICT, or a comparable professional qualification at MQF Level 5, plus two (2) years relevant work experience in a formal and mature ICT environment.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an

suġġett g-ad-dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomossa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali)'

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 i. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf)) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

ii. Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 i. Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

ii. Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 Din is-sajħa pubblika qed tiġi ppubblikata bi qbil ma' sejħa għal servizz pubbliku kollu għall-Post ta' ICT and Business Analyst kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, permezz taċ-Ċirkulari Nru HR/MHA-AA/033/2025. l-applikanti li jirnexxu taħt is-sejħa tas-servizz pubbliku kollu se jingħataw preċedenza fuq dawk li jirnexxu taħt is-sejħa pubblika. Il-ħatra hija ta' suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti fil-perjodu ta' validità tar-riżultat.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt)..

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the Poss of ICT and Business Analyst as published on Friday, 17th October, 2025, through the Circular No. HR/MHA-AA/033/2025. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precedence over those who are successful under the Public Call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Permanent Secretary (Active Ageing), Ministry for Health and Active Ageing, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt).

recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf)) jew jinkisbu mit-Taqsima Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, Palazzo Spinola, 46, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (activeageing.gov.mt) u (hr.activeageing@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st, October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) or may be obtained from the Human Resources Section, Ministry for Health and Active Ageing, Palazzo Spinola, 46, Triq San Kristofru, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (activeageing.gov.mt) and hr.activeagieng@gov.mt.

17th October, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Speċjalitajiet Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.1 Is-Segretarju Permanenti (Saħħa) u s-Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Speċjalitajiet Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

8.6 It is noted that in the event that a complete preference declaration form is not received by the receiving division by the closing time and date of this call for applications, the Ministry reserves the right to assign a successful applicant to a specialty in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15 Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, for all specialities except for Geriatrics which may be obtained from the Human Resources Corporate Services Directorate, Ministry for Health and Active Ageing, 46, Level 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1464.

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Is-sit elettroniku, in-numru tat-telefown, u l-indirizz elettroniku tad-diviżjoni huma (https://sahha.gov.mt), +356 2299 2600, u (recruitment.health@gov.mt), u għall-Ministeru tal-Anzjanità Attiva huma (mfaa.gov.mt) u (hr.mfaa@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jilqa' applikazzjonijiet għall-post t' Assistant Manager fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati iridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2025 huwa ta' €22,526.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €24,650.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2025 hija ekwivalenti għal €24,038.98 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €26,290.00, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€25,570.98 x €407.67 - €28,017.00) fis-2025 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għall-ħlas ta' allowance tal-klassi ta' €500, suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

The website address, telephone number, and email of the receiving department for the Ministry for Health and Active Ageing are (https://health.gov.mt), +356 2299 2600, and (recruitment.health@gov.mt), and for the Ministry for Active Ageing (mfaa.gov.mt) and (hr.mfaa@gov.mt).

17th October, 2025

MINISTRY FOR HEALTH
AND ACTIVE AGEING

Post of Assistant Manager in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (Active Ageing), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post of Assistant Manager in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2025 is equivalent to €22,526.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €24,650.00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2025 is equivalent to €24,038.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €26,290.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€25,570.98 x €407.67 - €28,017.00) in the year 2025 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Appointees will also be entitled to the payment of an annual class allowance of €500, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.9 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager huma:

i. Iżomm ruħu aġġornat bl-iżviluppi f'oqsma ta' interess għad-dipartiment rispettiv u jiddiskuti mal-maniġment superjuri rispettiv l-inizjattivi li għandhom jittieħdu;

ii. Iżomm kuntatt mal-uffiċjali tad-dipartiment, sabiex jiżgura kontribuzzjonijiet ta' riċerka kurretti u f'waqthom lill-maniġment tad-dipartiment;

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.9 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager include:

i. Keeps up to date with developments in areas of interest to the respective department and discusses with the respective senior management possible initiatives to be unertaken;

ii. Liaises with the relevant officers, in order to ensure correct and timely research contributions to the management of the department;

iii. Jipparteċipa fl-analiżi kontinwa fi ħdan id-dipartiment f'oqsma ta' xogħol/servizzi identifikati mis-superjuri u inizjattivi oħra ta' riċerka rilevanti;

iv. Jiġbor u janalizza informazzjoni u statistika għall-użu ta' kitba ta' rapporti u/jew esekuzzjoni ta' kompiti oħra meħtieġa, taħt is-superviżjoni, kif ikun meħtieġ, inkluża statistika mitluba għall-mistoqsijiet parlamentari, fost l-oħrajn;

v. Jissorvelja u jsegwi riċerka kompluta biex jipprovdi analiżi tar-riżultati u l-kontribuzzjoni tal-istess riċerka lejn is-servizz;

vi. Imexxi inizjattivi ta' bidla li jkunu qegħdin isiru mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u mill-Ministeru;

vii. Jipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-maniġment superjuri fit-tmexxija tas-servizzi pprovduti mid-dipartiment;

viii. Jassisti lill-maniġment superjuri fit-twettiq tar-riċerka u l-preparazzjoni ta' politiki, hekk kif applikabbli, fir-rigward tal-objettivi tad-dipartiment;

ix. Jassisti lill-maniġment superjuri biex b'mod effettiv jimmaniġġja l-finanzi u r-riżorsi umani fdati lid-dipartiment;

x. Jipproponi rakkomandazzjonijiet għas-simplifikazzjoni tal-proċessi u jsegwi l-implimentazzjoni tagħhom;

xi. Jipprovdi appoġġ u jiżgura l-aġġornament regolari ta' databases relatati mal-operat tad-dipartiment;

xii. Jesegwixxi ċċekkjar u vverifikar skont l-istruzzjonijiet mogħtija u r-regolamenti u proċeduri applikabbli, u jassigura li r-rapporti ppreparati jiġu vverifikati u sussegwentament sottomessi fil-ħin;

xiii. Jassisti lill-maniġment fil-kumpilazzjoni ta' rapporti meta u fejn mitluba;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

iii. Participates in the ongoing analyses within the department in specified areas of work/services identified by the management and other relevant research initiatives;

iv. Collects and analyses statistical data and information used to complete reports and/or tasks, under supervision, as required, including data requested for parliamentary questions, amongst others;

v. Monitors and follows up on completed research to provide analysis of the outcomes and its contribution towards the service;

vi. Drives change initiatives that are being undertaken by the Active Ageing and Community Care and by the Ministry;

vii. Provides support to senior management in the delivery of services pertaining to the department;

viii. Assists senior management in conducting research and preparing draft policies as applicable in relation to the department's objectives;

ix. Assists the senior management in managing effectively the financial and human resources entrusted to the department;

x. Proposes recommendations for simplification of processes and follows up on their implementation;

xi. Provides support and ensures regular updating of databases relating to operations of the department;

xii. Carries out checks and verifications according to instructions received and applicable regulations and procedures, and ensures that reports prepared are vetted and subsequently submitted in a timely manner;

xiii. Assists management in the compilation of reports when and where requested;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

U

iii. a. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Work and Human Resources Management jew Management jew Business Administration jew Public Administration jew Public Management jew Training and Development jew Health and Social Care jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Organisational

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. a. in possession of a recognised qualification MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Management or Business Administration or Public Administration or Public Management or Training and Development or Health and Social Care or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational

Behaviour jew Leadership jew Strategy, Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning jew Economics jew Banking and Finance jew Quality Assurance Management jew Evidence Based Management jew Gerontology jew Media jew Marketing jew Communications jew International Relations jew Public Policy jew Liġi jew Project Management jew Compliance jew Risk Management jew Ethics jew Business Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment;

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Work and Human Resources Management jew Management jew Business Administration jew Public Administration jew Public Management jew Training and Development jew Health and Social Care jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Organisational Behaviour jew Leadership jew Strategy, Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning jew Economics jew Banking and Finance jew Quality Assurance Management jew Evidence Based Management jew Gerontology jew Media jew Marketing jew Communications jew International Relations jew Public Policy jew Liġi jew Project Management jew Compliance jew Risk Management jew Ethics jew Business Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment;

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li għandhom jinkludu tnejn (2) minn dawn is-suġġetti: Malti jew Ingliż jew Matematika jew IT jew Accounts jew Business Studies jew Sociology jew Marketing) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta;

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li jrid jinkludi wieħed (1) minn dawn is-suġġetti: Malti jew Ingliż jew Matematika jew IT jew Accounts jew Business Studies jew Sociology jew Marketing).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali)

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas

Behaviour or Leadership or Strategy, Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Economics or Banking and Finance or Quality Assurance Management or Evidence Based Management or Gerontology or Media or Marketing or Communications or International Relations or Public Policy or Law or Project Management or Compliance or Risk Management or Ethics or Business Management or in relevant areas as determined by management;

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Management or Business Administration or Public Administration or Public Management or Training and Development or Health and Social Care or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Leadership or Strategy, Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Economics or Banking and Finance or Quality Assurance Management or Evidence Based Management or Gerontology or Media or Marketing or Communications or International Relations or Public Policy or Law or Project Management or Compliance or Risk Management or Ethics or Business Management or in relevant areas as determined by management;

OR

c. (i) In possession of two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (which must include two (2) of the following subjects: Maltese or English or Mathematics or IT or Accounts or Business Studies or Sociology or Marketing) or a recognised pertinent comparable qualification;

OR

(ii) In possession of three (3) subjects at Advanced Level (which must include one (1) of the following subjects: Maltese or English or Mathematics or IT or Accounts or Business Studies or Sociology or Marketing).

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed

anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonnoxxta fil-Livell 4 tal-MQF (kwalifika jew żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet suġġetti fil-livell Intermedjajru tal-Matrikola jew fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf)), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced level and three subjects at Intermediate Matriculation level, or in possession of three (3) subjects at Advanced level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On attainment of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 iii (a) to 4.1 iii (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Permanent Secretary (Active Ageing), Ministry for Health and Active Ageing, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;

proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf)) jew jinkisbu mit-Taqsima Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, Palazzo Spinola, 46, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment huma (activeageing.gov.mt) u (hr.activeageing@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦALL-KULTURA,
L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, jixtieq jidentifika persuni idonei li jistgħu jiġu rakkomandati biex jokkupaw il-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fill-kunsilli lokali elenkati hawn taħt.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Il-Kandidati magħżula se jiġu rrakkomandati lill-kunsilli elenkati f'Annex B', u jekk dawn jiġu magħżula minn kunsill, jiffirmaw ftehim ta' tliet snin (3) bħala Segretarju Eżekuttiv mal-kunsill rispettiv. Tali ftehim jista' jiġġedded għal perjodi ulterjuri, kif meħtieġ.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija pożizzjoni b'Objective Reason skont Regolament 7 (4) (e) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 bit-titolu ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'. Din il-pożizzjoni hija meqjusa bħala pożizzjoni ta' fiduċja li tikkonstitwixxi 'objective reason' skont l-istess Legiżlazzjoni Sussidjarja.

2.4 Segretarju Eżekuttiv li jkollu esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata, se jkun intitolat li jirċievi status ta' Officer in Grade abbażi ta' 'notional bases', wara t-tmiem ta' erba' (4) snin ta' servizz b'suċċess, addizzjonalment mal-kariga

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) or may be obtained from the Human Resources Section, Ministry for Health and Active Ageing, Palazzo Spinola, 46, Triq San Kristofru, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving department are (activeageing.gov.mt) and (hr.activeageing@gov.mt).

17th October, 2025

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS
AND LOCAL GOVERNMENT

Position of Executive Secretary in the Ministry for Culture, Lands and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Local Government Division (LGD) within the Ministry for Culture, Lands and Local Government, wishes to identify suitable persons who could be recommended to fill the Position of Executive Secretary in local councils listed below.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 Selected candidates will be recommended to a local council listed in 'Annex B' and, if selected by the council, will sign a three-year agreement as an Executive Secretary with the respective council. Such agreement may be renewed for further periods, as required.

2.2 The position of Executive Secretary is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 The position of an Executive Secretary is a position by Objective Reason in terms of Regulation 7 (4) (e) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'. This being a position of a level of trust, which constitutes an objective reason in terms of the same Subsidiary Legislation.

2.4 An Executive Secretary who has proven relevant work experience, will on completion of four (4) years of successful service, in aggregate, as Executive Secretary, and subject to the consent of the Public Service Commission, be

ta' Segretarju Eżekuttiv, u suġġett għal-approvazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kif indikat iktar 'l isfel.

2.5 Segretarju Eżekuttiv hu intitolat li jibbenefika u li jinħatar bħala Officer in Grade wara li jkun issodisfa l-kriterji fil-paragrafu 2.4 hawn fuq. L-istatus ta' Officer in Grade għandu jirrifletti l-iskala tas-salarju kif indikat fis-subparagrafu 2.6 jew 2.8 iktar 'l isfel kif hu applikabbli.

2.6 Tali uffiċjali se jitpoġġew fuq Skala ta' Salarju li tiġi waħda anqas mill-Iskala ta' Salarju attwali kif dettaljata fil-pożizzjoni tagħhom, iżda fuq l-istess tarġa tas-salarju li attwalment qegħdin fiha.

2.7 Sakemm dawn id-dispożizzjonijiet jiġu osservati, dawk appuntati bħala Officer in Grade se jiġu, dejjem jekk mhux diġà qed jokkupaw pożizzjoni ekwivalenti jew ogħla, obbligati li jaqdu dmirijiet kif indikat mill-maniġment minn żmien għal żmien fil-livell ta' responsabbiltà rispettiva proporzjonata mal-Iskala ta' Salarju li jkunu marbuta magħha. Barra minn hekk, bħala Officer in Grade, dawn m'għandhomx aktar jibbenifikaw minn allowances li joħorġu mill-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti għas-Segretarji Eżekuttivi, hekk kif ikun applikabbli minn żmien għal żmien, jekk ma jibqgħux jaqdu dmirijiet bħala Segretarju Eżekuttiv. F'dawn il-każijiet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (LGD) għandha d-dritt tal-ewwel rifjut li jingaġġa s-servizzi ta' tali uffiċjali.

2.8 Mat-tmiem b'suċċess ta' perjodu addizzjonali ta' tliet (3) snin, addizzjonalment u aggregat ma' subparagrafu 2.1 iktar 'il fuq, kif ukoll suġġett għal livell ta' servizz sodisfaċenti, uffiċjali pubbliċi appuntati fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv ikunu eliġibbli li jiġu appuntati bħala Officer in Grade fl-istess skala bħal dik tal-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti.

2.9 Mal-ingaġġ, is-salajru bażiku tal-impjegat jiġi allinjat ma' dak ta' Segretarju Eżekuttiv f'dak il-Kunsill rispettiv, skont id-dispożizzjonijiet legali tar-Regolamenti dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363, Liġijiet ta' Malta u leġiżlazzjoni sussidjarja relatata). L-istess prinċipji għandhom japplikaw fil-każ tal-grad sostantiv.

2.10 Segretarju Eżekuttiv huwa obbligat illi minn żmien għal żmien jattendi programmi ta' taħriġ hekk kif indikat lilu mil-LGD.

2.11 Terminazzjoni mill-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija fir-responsabbiltà tal-kunsill rispettiv.

2.12 Tneħħija minn uffiċjal pubbliku ssir skont ir-Regolament dwar Dixxiplina fis-Servizz Pubbliku.

2.13 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta'

entitled to attain Officer in Grade status on a notional basis as indicated below.

2.5 An Executive Secretary shall benefit and be appointed as Officer in Grade after having satisfied paragraph 2.4 above. The Officer in Grade status should reflect the salary as indicated in sub paragraph 2.6 or 2.8 below as applicable.

2.6 Such Officer shall be placed on a Salary Scale which is one scale lower than their current Salary Scale as detailed in their position however on the same salary step currently enjoyed

2.7 Subject to adherence to these provisions, an appointee as Officer in Grade shall, unless occupying an equivalent or higher position, be obliged to carry out duties as indicated by Management from time to time at the respective level of responsibility commensurate with the salary scale they are pegged to. Moreover, as Officer in Grade, they shall no longer benefit from any allowance/s that emanate from the working conditions established for Executive Secretaries as applicable from time to time, if no longer performing duties as Executive Secretary. In such cases the LGD has the right of first refusal to engage the services of the officer.

2.8 On completion of a further three (3) years in aggregate, and in addition, to sub paragraph 2.1 above, and subject to satisfactory service, a Public Officer appointed as an Executive Secretary shall be eligible to be appointed as Officer in Grade in the same salary scale as that of the Position as Executive Secretary, subject to the provisions of the preceding paragraph.

2.9 On appointment, the employee's basic salary should be aligned with the position of Executive Secretary for the respective Local Council in line with the legal provisions of the Local Government legislation (CAP. 363, Laws of Malta and relative subsidiary legislation). The same principles shall apply for the substantive grade.

2.10 The Executive Secretary is obliged to attend training programmes as indicated by the LGD from time to time.

2.11 Termination from the position of Executive Secretary in a local council shall be within the authority of the respective council.

2.12 Removal as public officer shall be made in terms of the Public Service Disciplinary Regulations.

2.13 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Government Framework for

Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra min hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fil-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Ir-rimunerazzjoni li ġejja bbażata fuq l-iskali tas-salarji tas-Servizz Pubbliku, u skont ir-Regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.20), għandha titħallas lis-Segretarji Eżekuttivi fil-kunsilli lokali.

3.1 Fejn id-daqs tal-kunsill huwa:

i. 9 sa 13-il membru, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 5

ii. 7 membri, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 6

iii. 5 membri u Segretarji Eżekuttivi tal-kunsill reġjonali, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 7.

3.2 Persuni impjegati bħala Segretarju Eżekuttiv għall-ewwel darba, jitħallsu bit-tieni livell taħt il-massimu tal-iskala rispettiva. Segretarji Eżekuttivi li jkollhom il-kuntratt imġedded mill-istess kunsill, ma jkunx suġġett għall-ebda żmien ta' prova.

3.3 Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt tiegħu mal-kunsill jiġi tterminat u jidħol f'kuntratt ġdid ma' kunsill differenti, għandu jkun suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena u għandu jitħallas il-massimu tas-Skala ta' Salarju relattiva.

3.4 Segretarju Eżekuttiv huwa intitolat ukoll benefiċċji kif elenkat:

i. Performance Bonus sa massimu ta' 15% skont il-policy u l-proċeduri fis-seħħ minn żmien għal żmien u suġġett ukoll għal prestazzjonijiet sodisfaċenti (sa 10% determinat mill-kunsill u sa 5% ieħor determinat mil-LGD);

Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, the selected candidate is to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescriped Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3. The following remuneration based on the salary scales of the Public Service, and according to Regulation 4(2) of the Local Councils (Human Resources) Regulations (Subsidiary Legislation 363.20), shall be payable to the Executive Secretaries in local councils.

3.1 Where the council size is:

i. 9 to 13 members, not more than the maximum of Scale 5

ii. 7 members, not more than the maximum of Scale 6

iii. 5 members and regional councils Executive Secretaries, not more than the maximum of Scale 7.

3.2 A person employed as Executive Secretary for the first time shall be placed on the second notch below the maximum respective scale. The Executive Secretary whose contract is renewed by the same council shall not be subject to any other probation.

3.3 An Executive Secretary whose contract with the council is terminated and enters into a new contract with a different council, shall be in subject to a probation period of one year and shall be paid the maximum of the relative salary scale.

3.4 An Executive Secretary is also entitled to the following benefits:

i. A Performance Bonus of up to the maximum of 15% in line with the policy and procedures as in force from time to time and subject to the satisfactory performance (up to 10% determined by the council and up to a further 5% determined by the LGD);

ii. Disturbance Allowance ta' €1,500 fis-sena għal Skala ta' Salarju 5, u €1,000 fis-sena għal Skali ta' Salarju 6 u 7;

iii. All-inclusive Communication Allowance ta' €815 fis-sena;

iv. All-inclusive Transport Allowance ta' €1,000 fis-sena.

3.5 Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi/impjegati tas-Settur Pubbliku, dawn huma intitolati li:

i. Iżommu d-drittijiet kollha li jgawdu fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku matul il-perjodu tal-ingaġġ mal-kunsilli lokali/reġjonali;

ii. Iżommu s-subtantive grade/indefinite status tagħhom mas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew entità tas-Settur Pubbliku li kienu impjegati magħha;

iii. Ikollhom il-perjodu tal-ħatra tagħhom bħala Segretarju Eżekuttiv meqjus bħala 'Service in the Grade' għall-fini tal-komputazzjoni tat-tul tas-servizz, anzjanità, salajru, progressjoni u, fejn applikabbli, għal skopijiet tal-pensjoni tat-Teżor.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv huma:

Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-kunsill. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv jinkludu:

a) Joħroġ l-avviżi kollha, jipprepara l-aġenda b'konsultazzjoni mas-sindku u jattendi l-laqgħat kollha;

b) Jiddraftja u jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-kunsill jew kumitat;

c) Jagħmel rapport amministrattiv dettaljat ta' kull sena lis-sindku li min-naħa tiegħu jqiegħdu għall-approvazzjoni tal-kunsill;

d) Ilesti biex jitqiegħed quddiem il-kunsill Estimi tad-Dħul u Ħruġ u Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja li tkun ġejja;

e) Jagħmel kull dover amministrattiv ieħor kif ikun hemm bżonn, sakemm dawn listruzzjonijiet jaqgħu fil-parametri kif preskritt bil-Liġi u r-Regolamenti, skont il-policies deċiżi u delegati mill-kunsill;

f) Joħroġ kull ordni li tkun teħtieġ nefqa kif approvata mill-kunsill;

ii. Disturbance Allowance of €1,500 per annum for Salary Scale 5, and €1,000 per annum for Salary Scales 6 and 7

iii. All inclusive Communication Allowance of €815 per annum.

iv. All inclusive Transport Allowance of €1,000 per annum.

3.5 In the case of the public officers/Public Sector employees, they are entitled to:

i. retain all inherent rights enjoyed in the Public Service/ Public Sector during the engagement period with the local/ regional councils;

ii. retain their substantive grade/indefinite status with the Malta Public Service or Public Sector entity;

iii. have their period of appointment as Executive Secretary deemed as 'Service in the Grade' for the purpose of computation of length of service, seniority, salary, progression and, where applicable, for Treasury pension purposes.

Duties

4. The job duties for the position of Executive Secretary include:

The Executive Secretary is the executive, administrative and financial head of the local council. The duties of Executive Secretary include:

a) Issue all notices, prepare the agenda in consultation with the mayor and attend all meetings;

b) Draw up and sign the minutes of council or committee meetings;

c) Submit a detailed annual administrative report to the mayor who shall submit it to the council for its approval;

d) Prepare for submission to the council estimates of the income and expenditure and five year business plan of the Council for the next financial year;

e) Carry out any other administrative duties as deemed necessary, subject that such instructions fall within the parameters as prescribed by Law and Regulations, in accordance with policies decided and delegated by the council;

f) Issue all orders bearing an expense as approved by the council;

g) Itella' l-aġenda, il-minuti u l-iskedi ta' pagamenti fuq is-sit elettroniku tal-kunsilli, kif mitlub bil-liġi;

h) Jimxi strettament mal-memos, ċirkularijiet u direttivi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, u jidderieġi lill-kunsill skont il-każ;

i) Jirrapporta lid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) u jagħti r-rapporti kollha u kull dokumentazzjoni oħra kif mitlub, u jaderixxi ma' kull direttiva oħra maħruġa;

j) Kull dmir ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Segretarju Permanenti u s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), Liġijiet ta' Malta.

Post Vakanti Attwali fi ħdan il-Kunsill

5. Il-lista li turi l-postijiet vakanti attwali fi ħdan il-kunsilli u l-iskala tal-paga rispettiva tinsab hawn taħt. L-applikanti jiġu kkunsidrati wkoll biex jimlew kwalunkwe vakanza futura f'dan il-pożizzjoni fil-kunsilli kif jista' jinqala'.

Lista ta' Kunsilli Lokali	**Skala**
Ħal Għargħur	7
Il-Kalkara	7
Ħal Kirkop	7
Marsaxlokk	7
San Lawrenz	7
San Pawl il-Baħar	5
Ta' Xbiex	7
Ħal Tarxien	6
L-Imtarfa	7
Reġjun tal-Port	7

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

6.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applicant għandu jkun:

i. Ċittandin ta' Malta;

ii. Profiċjenti u kapaċi jikkomunika b'mod effetiv kemm verbalment, kif ukoll bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

U

iii. a. Fil-pussess ta' Master's degree rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew

g) Upload agenda, minutes and schedule of payments on the local councils' website as prescribed by law;

h) Strictly adhere to all memos, circulars and directives issued by the Local Government Division and direct the local council accordingly;

i) Report to the Director General (Local Government) and submit all reports and any other documentation as required and adhere to any other directive issued by the Division;

j) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by Director General (Local Government), Permanent Secretary, and the Principal Permanent Secretary.

Further details may be obtained from the Local Councils Act (Cap. 363), Laws of Malta.

Current Vacancies within the Councils

5. The list of current vacancies with the local councils and the respective salary scale may be viewed below. Applicants will also be considered to fill any future vacancies in this position in councils as may arise.

List of Local Councils	**Scale**
Ħal Għargħur	7
Kalkara	7
Ħal Kirkop	7
Marsaxlokk	7
San Lawrenz	7
St Paul's Bay	5
Ta' Xbiex	7
Ħal Tarxien	6
Mtarfa	7
Reġjun tal-Port	7

Eligibility Requirements

6.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. Citizens of Malta;

ii. Proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

AND

iii a. In possession of a recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits,

ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

JEW

b. Fil-pussess ta' Degree Baċellerat rikonoxxut f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti rilevanti kif determinat mill-maniġment b'sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET.

JEW

c. Fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Maniġment jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment b'ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġetti għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

JEW

d. Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Management jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti rilevanti kif determinat mill-maniġment b'seba' (7) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

or equivalent*) in Business Administration or Management or in relevant areas as determined by management.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

OR

b. In possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration or Management or in relevant areas as determined by the management with two (2) years relevant work experience.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180 ECTS/ECVET credits.

OR

c. In possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Management or in relevant areas as determined by management with five (5) years relevant work experience.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of the clause 5.4 of the General Provisions document).

OR

d. In possession of a recognised qualification MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Management or Management or in relevant areas as determined by the management with seven (7) years relevant work experience.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

JEW

e. Uffiċjali pubbliċi fi Skali ta' Salarju 5 sa 7 (iż-żewġ skali inklużi) u impjegati fis-Settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà.

JEW

f. Uffiċjali pubbliċi fi Skali ta' Salarju 8-11 (iż-żewġ skali inklużi) u impjegati fis-Settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà, bi tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

iv. Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jiġu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/career stream differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni aktar baxxa anke jekk ma tkunx ikkonfermata u jekk ma tkunx fl-istess stream jew le.

6.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhumiex approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 6.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, sakemm jissottomettu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-link hawn taħt).

(a) il-perjodu ta' prova u l-intitolament ta' progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

*A recognised qualification comparable to 120 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

OR

e. Public officers in Salary Scales 5 to 7 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility.

OR

f. Public officers in Salary Scales 8-11 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility, with three (3) years relevant work experience.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

6.2 (i) Candidates who had not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 6.1 or else indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualifications not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) dawk il-persuni maħtura ma jibbenifikaw mill-ebda allowance sakemm jiksbu jew jiġu approvati għall-kwalifika indikata msemmija fi klawsola 6.1 jew 6.2.

6.3. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw minnufih lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat ikun għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lit-taqsima tar-Riżorsu Umani fi ħdan il-ministeru/dipartiment li jkun ħareg is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data sottomissjoni tal-applikazzjoni, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwasssal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, l-bord tal-għażla se jitlob lill-kandidat jiddikjara kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

7.2 L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu żewġ referenzi aċċettabbli bil-miktub.

7.3 Iċ-certifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

7.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw min barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għal-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

Proċeduri tal-Għażla

8.1 Is-sejħa għall-applikazzjonjiet għandha tindika l-Kunsill Lokali fejn teżisti vakanza/vakanzi għal kariga ta' Sergretarju Eżekuttiv. Għandha tingħata informazzjoni lill-kandidati li, minkejja li jkunu ġew indikati mill-bord tal-għażla bħala idonei għall-pożizzjoni, dan ma jwassalx awtomatikament għall-ħatra għall-pożizzjoni. Il-ħatra tkun suġġetta għall-aċċettazzjoni mill-kunsill lokali.

8.2 L-applikanti jistgħu jindikaw preferenza ta' tliet (3) kunsilli lokali/reġjonali.

8.3 Il-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija kklassifikata bħala pożizzjoni suġġetta għal Objective Reason taħt id-dispożizjonijiet ta' L.S. 452.81.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until the attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 6.1 or 6.2.

6.3 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of the application.

Submission of Supporting Documents

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

7.2 Applicants shall include two acceptable written references.

7.3 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

Selection Procedures

8.1 The call for applications shall indicate the Local Councils where a vacancy/vacancies of Executive Secretary exists. Candidates are to be notified that, being found to be eligible by the selection board, pursuant to the interview stage, does not automatically lead to appointment to the position. Appointment shall be subject to the acceptance by the local council.

8.2 Applicants may indicate preference for up to three (3) local/regional councils.

8.3 The role of Executive Secretary is classified as a position by Objective Reason under the provisions of S.L.452.81.

8.4 Il-kandidati elġibbli jiġu infurmati jekk instabux idonei jew le. Il-lista ta' kandidati idonei tibqa' valida għall-perjodu ta' 12-il xahar u l-kandidati jiġu proposti lill-kunsill lokali meta jkun hemm il-vakanzi.

8.5 Kandidati li jinstabu mhux idonei mill-bord tal-għażla jistgħu jipprenżentaw petizzjoni quddiem il-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jiġu infurmati bir-riżultat fir-rigward tagħhom.

8.6 L-ismijiet u d-dokumentazzjoni pprenżentati mill-kandidati li jinstabu xierqa mill-bord tal-għażla jiġu mgħoddija lill-kunsilli indikati bħala preferenza mill-kandidat għal aċċettazzjoni eventwali jew mod ieħor mill-kunsill.

8.7 Mal-ħatra l-persuna magħżula għandha b'seħħ immedjat tiġi assenjata mal-kunsill lokali elenkat f'Annex B' fil-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv.

8.8 Ladarba kandidati xierqa jiġu riferuti lill-kunsill lokali elenkat hawn fuq u tinħareġ ħatra l-proċess tal-għażla għall-pożizzjoni reklamata f'dan il-kunsill titqies bħala magħluqa u ma jkunx hemm akatr referenza ta' xi kandidati li jkun fadal.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

9.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

9.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

8.4 Eligible candidates are informed whether they have been found suitable or otherwise. The list of suitable candidates is valid for a period of 12 months and candidates will be proposed to the local council where vacancies become available.

8.5 Candidates found unsuitable by the selection board may submit a petition before the Commission within ten working days from the date of their being informed of the result in their regard.

8.6 The names and documentation submitted by the candidates found suitable by the selection board shall be forwarded to the local council for eventual acceptance or otherwise by the local council.

8.7 Upon appointment by the Local Council the selected candidate shall with immediate effect be assigned with the respective council in 'Annex B' in the position of Executive Secretary.

8.8 Once suitable candidates are referred to the council and an appointment is issued or otherwise the selection process for the advertised position in the local council shall be deemed as closed and there shall be no further reference of any remaining candidates.

Submission of Applications

9.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General, Local Government Division, Ministry for Culture, Lands and Local Government, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

9.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

9.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

9.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sitelettroniku, numru tat-telefown u l-indirizz elettroniku tad-diviżjoni huma (https://divizjonitalgvernlokali.gov.mt), +356 2090 8600, u (hr.dlg@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Part-time Coach fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' part-time Coach fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-oqsma li ġejjin:

Cycling
Other Sport

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Human Resources Unit at 26, Triq l-Arċisqof, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, telephone number and e-mail address of the receiving division are (https://localgovernmentdivision.gov.mt), + 356 2090 8600, and (hr.dlg@gov.mt).

17th October, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Part-time Coach in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, invites applications for the position of part-time Coach within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation for the following areas:

Cycling
Other Sport

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Il-kandidat magħżul jiġi ingaġġat bħala part-time Coach mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi definit għal sena (1) skolastika jew inqas, jibda mid-29 ta' Settembru, 2025 sas-26 ta' Ġunju, 2026, li jista' jiġġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' part-time Coach hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tliet (3) xhur.

2.3. Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-pożizzjoni ta' part-time Coach, hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4. Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5. Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1. Part-time Coach ser jaħdem fuq bażi part-time għal massimu ta' għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa, liema numru

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will be engaged as a part-time Coach in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. The engagement will be on a definite basis for one (1) scholastic year or less, starting from 29th September, 2025 to 26th June, 2026, which may be renewed for further periods.

2.2. The position of a part-time Coach is subject to a probationary/trial period of three (3) months.

2.3. Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason, the position of part-time Coach, which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5. In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3.1. Part-time Coach shall work on a part-time basis for a maximum of twenty (20) hours per week, which will be

ta' sigħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skolastika, jiddependi min-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet u/jew kwalunkwe esiġenzi li jistgħu jinqalgħu/jinbidlu minn żmien għal żmien.

3.2. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' part-time Coach jitħallas bir-rata ta' €20 fis-siegħa skont in-numru ta' lezzjonijiet/xogħol assenjat flimkien ma' bonuses prorata (ta' nofs is-sena u l-Milied) u d-dħul supplimentari. Ir-remunerazzjoni tinkludi l-preparazzjoni, il-ħin tal-kuntatt u kwalunkwe dmir ieħor relatat.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' part-time Coach huma:

i. Jassigura li l-pjanijiet ta' ħidma u l-kisbiet għal kull term u kull sena jkunu ppjanati u mogħtija fil-ħin;

ii. Jippjana, jipprepara u jmexxi sessjoni tat-taħriġ lill-istudenti-atleti f'dik is-sena partikolari fil-kurrikulu tal-futbol;

iii. Puntwalità u lbies skont l-uniformi tal-iskola;

iv. Jassigura standards għoljin u professjonali fit-taħriġ bi kwalità fl-ikkowċjar;

v. Jassessja, jirrekordja u jirrapporta l-iżvilupp, il-progress, il-kisbiet u l-imġiba ta' kull student-atleta;

vi. Jutilizza l-analiżi tal-video b'mod effettiv u jwassal rispons lill-plejers;

vii. Jittestja u/jew jassisti physical trainers f'sensiela ta' fitness tests li jkejlu u jimmonitorjaw lill-istudenti-atleti fil-livell fiżiku ta' fitness;

viii. Jimla r-rapporti tal-progress ta' kull student-atleta għal kull term;

ix. Jassigura l-kustodja sigura u l-użu tal-aqwa riżorsi użati minnu nnifsu waqt is-sessjoni tal-main sport/fitness tests;

x. Jirreġistra u jimmonitorja l-attendenza tal-istudenti-atleti li jkunu taħt is-superviżjoni tiegħu;

xi. Jipprepara karta tal-eżami u l-iskema ta' marki kif meħtieġa;

xii. Ikun responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-istudenti li huma taħt is-superviżjoni tiegħu, jirrapporta xi ksur fil-linji gwida jew imġiba ħażina lill-persuni kkonċernati;

determined prior to the beginning of the scholastic year, depending on the number of applicants who would have applied to attend the courses and/or any exigencies which may arise/change from time to time.

3.2. A part-time Coach shall be paid at the rate of €20 per hour according to the number of lessons/work assigned plus pro-rata bonuses (mid-year and Christmas) and income supplement. The remuneration is inclusive of preparation, contact time and any other related duties.

Duties

4. The job duties for the position of part-time Coach include:

i. Ensuring that schemes of work and outcomes for each term for each year group are planned and handed in good time;

ii. Planning, preparing and delivering training sessions to all the student-athletes in the year group within the football curriculum;

iii. Punctuality and wearing the school attire;

iv. Ensuring high standards of professional practice and quality of coaching;

v. Assessing, recording and reporting on the development, progress, attainment and behaviour of each student-athlete;

vi. Utilising video analysis effectively and deliver feedback to players accordingly;

vii. Testing and/or assisting the physical trainers in a series of fitness tests that measures and monitors the student-athletes' physical fitness level;

viii. Filling the progress reports for each student-athlete per school term;

ix. Ensuring the safe custody and optimum use of equipment/resources used by oneself during main sport sessions/fitness tests;

x. Registering and monitoring the attendance of student-athletes under one's care;

xi. Preparing an exam paper and marking scheme as required;

xii. Be responsible for the welfare, health and safety of students in his care, reporting any concerns or breaches of guidelines or behaviour to the appropriate persons;

xiii. Jattendi laqgħat tal-iskola/seminars jew korsijiet tat-taħriġ tal-istaff u xi avvenimenti oħra;

xiv. Isiefer fuq tournaments/training camps barra minn Malta u avvenimenti li jiġu organizzati mill-iskola matul is-sena;

xv. Jikkomunika, jikkonsulta u jikkopera ma' membri oħra tal-istaff tal-iskola, inkluż dawk b'kariga ta' responsabbiltà speċjali u ġenituri/kustodji biex jiġi żgurat l-aħjar interess tal-istudenti;

xvi. Jirrevedi u jevalwa l-istrateġiji tiegħu ta' tagħlim u tgħallim, metodoloġiji u programmi li huma f'parità mal-programmi tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport;

xvii. Jagħti pariri u jikkopera mal-kap tal-iskola, l-assistenti kapijiet, kapijiet tad-dipartiment, uffiċjali edukattivi, u għalliema oħra fil-preparamenti u l-iżvilupp tal-qasam ta' studju, materjal, metodi u programmi marbut mal-ikkowċjar;

xviii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xix. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-

xiii. Attending school meetings/seminars and staff training courses and events as required;

xiv. Travelling to tournaments/training camps abroad and events as assigned by the school throughout the year;

xv. Communicating, consulting and co-operating with other members of the school staff, including those having posts of special responsibility and parents/guardians to ensure the best interest of students;

xvi. Reviewing and evaluating one's own teaching and learning strategies, methodologies and programme/s in line with the National Sports School programmes;

xvii. Advising and co-operating with the head of school, assistant head, heads of department, education officers, and other teachers in the preparation and development of courses of study, coaching materials, coaching programmes, methods of coaching;

xviii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xix. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the

regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingw Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni; u

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for; and

iii. għandhom ċertifikat tal-ewwel għajnuna ta' emerġenza sportiva jew ekwivalenti; u

iii. has a Sports emergency first aid certificate or equivalent; and

iv. fil-pussess ta' kwalunkwe żewġ (2) suġġetti ta' Livell Avvanzat u erba' (4) suġġetti ta' Livell Ordinarju jew kwalifika sħiħa rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*; u

iv. in possession of any two (2) Advanced Level and any four (4) Ordinary Levels subjects or a recognised full qualification at MQF Level 4 with a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent *; and

7.1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni online **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 3rd November, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;

kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Post ta' Manager I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2025 huwa ta' €25,570.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €28,017.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' sa Skala ta' Salarju 7 (€30,506.98 x €531.17-€33,694.00) fl-2025 wara tmien (8) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju rispettiv, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 10) li jikseb degree ta' Master's rikonoxxut fil-Livell 7 tal-

qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

17th October, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Post of Manager I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the post of Manager I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I is Salary Scale 10, which in the year 2025 is €25,570.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €28,017.00.

2.4 A Manager I in Salary Scale 10 will progress up to Salary Scale 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 in 2025) on completion of eight (8) years of service as Manager I in the respective Salary Scale, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I (Salary Scale 10) who obtains a recognised Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a

MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti kif determinat minn Management għandha titqiegħed fi Skala ta' Salarju 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fl-2025) u tavvanza għal Skala ta' Salarju 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713 fl-2025) wara sentejn (2) snin servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 9).

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 8) se jkompli javvanza għal Skala ta' Salarju 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 fl-2025) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 8).

2.7 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tassalarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti, u ħlas ta' allowance tal-klassi annwali ta' €750, suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi limsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.10 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tarRekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din issejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tannotifika tal-ħatra.

2.11 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti talkandidati biex jevalwa

minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in relevant areas as determined by management shall be placed in Salary Scale 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 in 2025) and will progress to Salary Scale 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 in 2025) after two (2) years satisfactory service as Manager I (Salary Scale 9).

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

2.6 A Manager I (Salary Scale 8) will further progress to Salary Scale 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 in 2025) after two (2) years of satisfactory service Manager I (Salary Scale 8).

2.7 The appointees shall also be entitled to an annual performance bonus of up to 10% of the basic salary, subject to satisfactory performance, and a payment of an annual class allowance of €750, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.10 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.11 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous

l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I huma:

i. Imexxi b'mod effettiv u effiċjenti t-tmexxija ta' kuljum tat-taqsima assenjata lilu/ha;

ii. Jikkollabora mal-partijiet interessati relatati kollha bil-għan li jiżviluppa fehim ċar tal-proċeduri relatati mal-operat tat-taqsima skont ir-rekwiżiti relatati;

iii. Jassigura l-implimentazzjoni tal-proċeduri approvati għat-taqsima assenjata lilu/ha u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki,

iv. Jassigura li twassal ix-xogħol fil-ħin u fil-kwalità;

v. Jiġbor statistika u data oħra kif xieraq;

vi. Jipprepara rapporti u stqarrijiet bil-miktub kif xieraq;

vii. Jipparteċipa, kif meħtieġ, fi proċessi mmexxija mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura;

viii. Jattendi korsijiet ta' taħriġ, konferenzi, seminars, workshops u avvenimenti oħra, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, sabiex iżomm ruħu infurmat u aġġornat dwar il-leġiżlazzjoni, il-proċeduri u l-ftehimiet internazzjonali kollha li jaffettwaw l-industrija Maltija tas-sajd;

ix. Konsultazzjoni regolari ma' sajjieda u oħrajn involuti fl-industrija Maltija tas-Sajd:

(i) li jifhem aħjar it-tħassib tagħhom u l-kwistjonijiet li jiffaċċjaw,

Duties

3. The job duties for the post of Manager I include:

i. Manages in an effective and efficient manner the day-to-day running of the Unit assigned to her/him;

ii. Liaising with all related stakeholders with a view to develop a clear understanding of the procedures related to the operations of the Unit in line with the related requirements;

iii. Ensures the implementation of the approved procedures for the Unit assigned to her/him and the application of best practices;

iv. Ensures the delivery of work in a timely and quality manner;

v. Collects statistics and other data as appropriate;

vi. Prepares written reports and statements as appropriate;

vii. Participates, as required, in processes conducted by the Department of Fisheries and Aquaculture;

viii. Attends training courses, conferences, seminars, workshops and other events, both locally and abroad, in order to keep well informed and up to date on all legislation, procedures and all international agreements affecting the Maltese fisheries industry;

ix. Consults regularly with fishers and others engaged in the Maltese Fisheries Industry:

(i) to gain a better understanding of their concerns and the issues they face,

(ii) li jipprovdi pariri u gwida dwar l-aħjar prattika u dwar ir-rekwiżiti leġiżlattivi u regolatorji li jirregolaw l-industrija, u

(iii) li jistabbilixxi relazzjonijiet ta 'xogħol tajbin u ta' vantaġġ reċiproku;

x. Jikkollabora ma' taqsimiet oħra fid-Dipartiment involuti fil-monitoraġġ, l-amministrazzjoni, l-operazzjonijiet, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd;

xi. Jipparteċipa b'mod sħiħ bħala membru tal-istaff tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura;

xii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiii. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-

(ii) to provide advice and guidance on best practice and on the legislative and regulatory requirements governing the Industry, and

(iii) to establish good and mutually advantageous working relationships;

x. Collaborates with other Units within the Department involved in the monitoring, administration, operations, control and surveillance of fishing activities;

xi. Participates fully as a member of the staff of the Department Fisheries and Aquaculture;

xii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xiv. Performs any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been

membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

(iii) ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Project Management, jew Management Studies, jew European Studies, jew Business Administration, jew Quality Assurance Management, jew Public Administration, jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

(iii) in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Project Management or Management Studies or European Studies or Business Administration or Quality Assurance Management or Public Administration or in relevant areas as determined by the management.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180ECTS/ECVET credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture,

għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

17th October, 2025

MINISTERU GĦALL-INTERN,
IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Post ta' Manager I fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I fil-Victim Support Unit, fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2025 huwa ta' €25,570.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €28,017.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' sa Skala ta' Salarju 7(€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 fis-sena 2025) wara tmien (8) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju rispettiv, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 10) li jikseb degree ta' Master's rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti kif determinat minn Management għandha titqiegħed fi Skala ta' Salarju 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fl-2025) u tavvanza għal Skala ta' Salarju 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 fl-2025) wara sentejn (2) snin servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 9).

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT

Post of Manager I in the Ministry for Home Affairs, Security and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Home Affairs, Security and Employment, invites applications for the post of Manager I, in the Victim Support Unit, in the Police Department, within the Ministry for Home Affairs, Security and Employment.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I is Salary Scale 10, which in year 2025 is €25,570.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €28,017.00.

2.4 A Manager I in Salary Scale 10 will progress up to Salary Scale 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 in 2025) on completion of eight (8) years of service as Manager I in the respective Salary Scale, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I (Salary Scale 10) who obtains a recognised Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in relevant areas as determined by management shall be placed in Salary Scale 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29.829.00 in 2025) and will progress to Salary Scale 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 in 2025) after two (2) years satisfactory service as Manager I (Salary Scale 9).

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I (Skala ta' Salarju 8) se jkompli javvanza għal Skala ta' Salarju 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 fl-2025) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Manager I (Skala ta' Salarju 8).

2.7 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti, u ħlas ta' allowance tal-klassi annwali ta' €750, suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.10 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra. L-Applikanti jkunu wkoll suġġetti għal security clearance matul il-proċess kollu tar-reklutaġġ.

2.11 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

2.6 A Manager I (Salary Scale 8) will further progress to Salary Scale 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 in 2025) after two (2) years of satisfactory service Manager I (Salary Scale 8).

2.7 The appointees shall also be entitled to an annual performance bonus of up to 10% of the basic salary, subject to satisfactory performance, and a payment of an annual class allowance of €750, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.10 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment. Applicants will be subject to security clearance throughout the entire recruitment process.

2.11 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I huma:

i. Jaġixxi bħala l-ewwel uffiċjal ta' support u jassisti f'inċidenti kriminali kbar, jinkludu inċidenti fatali, qtil, imwiet mhux spjegati, diżastri, jew meta persuna tkun fil-periklu li titlef ħajjitha;

ii. Jipprovdi r-rispons inizjali tal-kriżi lill-vittmi vulnerabli tal-kriminalità u lill-familji tagħhom fuq il-post;

iii. Jaġixxi bħala punt ta' kuntatt fokali bejn it-timijiet investigattivi, il-vittmi u l-familji tagħhom;

iv. Jgħin billi jiggwida lill-vittmi u lill-familji tagħhom fil-Proċess tal-Ġustizzja Kriminali;

v. Jipprovdi informazzjoni u segwitu fuq każijiet;

vi. Jiżgura li l-vittmi jiġu rreferuti għal appoġġ kontinwu fejn ikun prattiku u xieraq;

vii. Jiżgura li n-noti tal-każ u l-korrispondenza kollha jiddaħħlu u jkunu aġġornati;

viii. Jiżgura li l-uffiċjali tal-pulizija li jagħtu l-ewwel assistenza ikunu konxji ta' dak li jagħmel Police Victim Support u l-ħtieġa li jsiru riferimenti skont l-Istandard Proċeduri Operattivi tal-Pulizija;

ix. Jattendi laqgħat u/jew laqgħat ta' ġestjoni tal-każijiet kif u meta meħtieġ;

x. Jaħdem f'ambjent multidixxiplinarju sabiex jikkontribwixxi lejn approċċ olistiku fil-provvista' tas-servizz;

xi. Jikkollabora ma' unitajiet oħra fi ħdan id-Dipartiment tal-Pulizija u l-Aġenzija ta' Appoġġ għall-Vittmi b'kunsiderazzjoni speċjali għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi;

xii. Jattendi konferenzi jew taħriġ, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta, kif u meta meħtieġ;

xiii. Jagħti xhieda f'kawżi tal-qorti kif meħtieġ;

xiv. Lest li jaħdem fuq bażi ta' xift mit-Tnejn sal-Ħadd (2 in 2 out), u jkkun on call;

xv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvi. Kull dmir ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif ordnat mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Duties

3. The job duties for the post of Manager I in the Victim Support Unit include:

i. Acting as a first support officer and assist in major crime incidents, including fatal accidents, murders, unexplained deaths, disasters, or when a person is in danger of loss of life;

ii. Providing initial crisis response to vulnerable victims of crime and their families on site;

iii. Acting as a focal contact point among the investigative teams, victims and their families;

iv. Help guide victims and their families through the Criminal Justice Process;

v. Providing information and follow-up on cases;

vi. Ensuring that victims are referred for ongoing support where practical and appropriate;

vii. Ensuring that all case notes and correspondence are inputted and up to date;

viii. Ensuring all front line police officers are aware of what Police Victim Support does and the need to make referrals in accordance with the Police Standard Operating Procedures;

ix. Attending meetings and/or case management meetings as and when required;

x. Working within a multi-disciplinary environment in order to contribute towards a holistic approach in service provision;

xi. Liaising with other units within the Police Department and the Victim Support Agency with special consideration to the victims support services;

xii. Attending conferences or training, both locally and abroad, as and when required;

xiii. Giving witness in court cases as required;

xiv. Willing to work on shift basis from Monday to Sunday (2 in 2 out), and be on call;

xv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvi. Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Commissioner of Police;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

(iii) ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Psikoloġija jew Social Work jew Kriminoloġija, jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati,

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages, in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

(iii) in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Psychology or Social Work or Criminology or in a relevant area determined by the management.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180ECTS/ECVET credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit

basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' Taqsima Riżorsi Umani, fid-Dipartiment tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Human Resources Section in the Police Department, Ministry for Home Affairs, Security and Employment, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima Riżorsi Umani, fid-Dipartiment tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-diżpożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (http://pulizija.gov.mt) u (hr.police@gov.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Human Resources Section, in the Police Department, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (http://pulizija.gov.mt) and (hr.police@gov.mt)

17th October, 2025

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax,

inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar is-27 ta' Ottubru 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 27th October, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
BMW	118D	Abjad	BMW150	Ħal Luqa
Mercedes	A140	Ikħal	FCQ341	Bormla
Toyota	Vitz	Griż	OLI081	Ħal Luqa
Mazda	3	Griż	BWR737	Ħad-Dingli
Mazda	Demio	Iswed	BCX258	Il-Marsa
Fiat	Punto	Iswed	EM142DB	In-Naxxar
Audi	Q5	Iswed	CB7619CC	In-Naxxar
Nissan	Micra	Aħmar	IBS312	Ħal Qormi
Honda	Fit	Iswed	IBZ119	San Ġiljan
SYM	Joyride	Iswed	HBX028	Ħaż-Żebbuġ

Is-17 ta' Ottubru, 2025

17th October, 2025

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002, ippubblikati f'Avviż Legali 294 tal-2002, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jinnotifika għal informazzjoni ġenerali li ġiet ippreżentata notifika ta' konċentrazzjoni bejn Lotus US Financing S.a.r.l. (Lussemburgu) u New Alvogen Group Holdings, Inc. (New Jersey, l-Istati Uniti) nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija l-akkwist tal-kontroll assolut minn Lotus US Financing S.a.r.l ta' New Alvogen Group Holdings, Inc.

Lotus US Financing S.a.r.l. hija special purpose vehicle li tifforma parti mill-Lotus Pharmaceutical Group u hija kkontrollata minn Lotus Pharmaceutical Co. Ltd, kumpanija bbażata fit-Tajwan. Il-Grupp huwa specjalizzat fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' farmaċewtiċi ġodda u ġeneriċi.

New Alvogen Group Holdings, Inc. hija s-sid tal-entitajiet ta' Alvogen US u li hija kumpanija farmaċewtika

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, 2002, published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Lotus US Financing S.a.r.l. (Luxembourg) and New Alvogen Group Holdings, Inc. (New Jersey, US) was filed on Friday, 10th October, 2025.

The nature of the concentration is the acquisition of sole control by Lotus US Financing S.a.r.l of New Alvogen Group Holdings, Inc.

Lotus US Financing S.a.r.l. is a special purpose vehicle forming part of the Lotus Pharmaceutical Group and is ultimately controlled by Lotus Pharmaceutical Co. Ltd, a Taiwan-based company. The Group is focused on the commercialisation of novel and generic pharmaceuticals.

New Alvogen Group Holdings, Inc. owns the Alvogen U.S. entities and is a privately held fully integrated

privata kompletament integrata li tiffoka fuq l-iżvilupp, il-liċenzjar, il-manifattura, u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur,
L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni,
Mizzi House,
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

jew (competition@mccaa.org.mt)

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Paul Bonello għall-provvediment ta' servizz bħala advisor għal perjodu ta' sena, li jibda mill-15 ta' Lulju, 2025 sal-14 ta' Lulju, 2026, li jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa, imħallas b'rata ta' €19.97 eskluża l-VAT fis-siegħa għall-prezz ta' €20,768.80 eskluża l-VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Anthony Busuttil għall-provvediment ta' servizz bħala advisor għal perjodu ta' sena, li jibda mill-1 ta' Ottubru, 2025 sat-30 ta' Settembru, 2026, jaħdem 30 siegħa fil-ġimgħa, mħallas b'rata ta' €23.08 eskluża l-VAT għall-prezz ta' €36,004.80 eskluża l-VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni

pharmaceutical company which focuses on developing, in-licensing, manufacturing, and marketing pharmaceutical products.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written objections on this notified concentration within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer Affairs
Authority,
Office for Competition,
Mizzi House,
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

or (competition@mccaa.org.mt)

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Mr Paul Bonello for the provision of service as an advisor for a period of 1 year, starting from 15th July, 2025 to 14th July, 2026, working 20 hours per week, paid at the rate of €19.97 excl. VAT per hour for the cost of €20,768.80 excl. VAT.

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Mr Anthony Busuttil for the provision of service as an advisor for a period of 1 year, starting from 1st October, 2025 to 30th September, 2026, working 30 hours per week, paid at the rate of €23.08 excluding VAT per hour for the cost of €36,004.80 excluding VAT.

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting

lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' Dott. Justyne Caruana għall-provvediment tas-servizz bħala advisor għal perjodu ta' sena, li jibda mill-10 ta' Lulju, 2025 sad-9 ta' Lulju, 2026, taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa, u mħallsa b'rata ta' €50 eskluża l-VAT kull siegħa għall-prezz ta' €78,000 eskluża l-VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Dr Justyne Caruana for the provision of service as advisor for a period of 1 year, starting from 10th July, 2025 to 9th July, 2026, working 30 hours per week, paid at the rate of €50 excluding VAT per hour for the cost of €78,000 excluding VAT.

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' Dott. Sarah Casolani għall-provvediment ta' servizz bħala advisor għal perjodu ta' sena, li tibda mit-13 ta' Novembru, 2025 sat-12 ta' Novembru, 2026, taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa mħallsa b'rata ta' €30 eskluża l-VAT fis-siegħa għall-prezz ta' €46,800.00 eskluża l-VAT.

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Dr Sarah Casolani for the provision of service as an advisor for a period of 1 year, starting from 13th November, 2025 to 12th November, 2026, working 30 hours per week, paid at the rate of €30 excluding VAT per hour for the cost of €46,800.00 excluding VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' Dott. Ilona Debono għall-provvediment ta' servizz bħala avukat għal perjodu ta' sena, li jibda mill-14 ta' Novembru, 2025 sat-13 ta' Novembru, 2026, taħdem 15-il siegħa fil-ġimgħa, imħallsa b'rata ta' €35 eskluża l-VAT kull siegħa għall-prezz ta' €27,300.00 eskluża l-VAT.

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Dr Ilona Debono for the provision of service as a lawyer for a period of 1 year, starting from 14th November, 2025 to 13th November, 2026, working 15 hours per week, paid at the rate of €35 excluding VAT per hour for the cost of €27,300.00 excluding VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur David James għall-provvediment ta' servizz bħala supervisor u għal xogħlijiet ta' manutenzjoni għal perjodu ta' 6 xhur, li jibda mit-2 ta' Lulju, 2025 sal-1 ta' Jannar, 2026, jaħdem 40 siegħa fil-ġimgħa, imħallas b'rata ta' €10.57 eskluża l-VAT kull siegħa għall-prezz ta' €10,992.80 eskluża l-VAT.

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Mr David James for the provision of service as supervisor and maintenance for a period of 6 months, starting from 2nd July, 2025 to 1st January, 2026, working 40 hours per week, paid at the rate of €10.57 excluding VAT per hour for the cost of €10,992.80 excluding VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

17th October, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Tarcisio Scicluna għall-provvediment ta' servizz bħala advisor għal perjodu ta' sena, li jibda mill-1 ta' Ottubru, 2025 sat-30 ta' Settembru, 2026, jaħdem 30 siegħa fil-ġimgħa u mħallas b'rata ta' €26 eskluża l-VAT kull siegħa għall-prezz ta' €40,560.00 eskluża l-VAT.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li mis-1.00 p.m. tas-Sibt, 29 ta' Novembru, 2025 sal-11.59 p.m. tal-Ħadd, 30 ta' Novembru, 2025, Pjazza Sant'Elena se tkun magħluqa għat-traffiku u parkeġġ se jkun projbit.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta' Ottubru, 2025.

Avviż Nru. 34. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-Ħanut vojt tale quale f'Nru. 1, fiċ-Ċentru Ċiviku, Triq San Kataldu ir-Rabat Malta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.13_87_2_A. Il-kerrej prezenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €18,325 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u mija u wieħed ewro (€6,108) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 35. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru. 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati.

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Mr Tarcisio Scicluna for the provision of service as an advisor for a period of 1 year, starting from 1st October, 2025 to 30th September, 2026, working 30 hours per week, paid at the rate of €26 excluding VAT per hour for the cost of €40,560.00 excluding VAT.

17th October, 2025

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that from 1.00 p.m. of Saturday, 29th November, 2025, to 11.59 p.m. of Sunday, 30th November, 2025, Pjazza Sant'Elena will be closed to traffic and no parking will be allowed.

17th October, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 30th October, 2025.

Advt No. 34. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop tale quale No. 1, at Civic Centre, Triq San Kataldu, Rabat Malta as shown edged in red on plan P.D.13_87_2_A. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €18,325 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and one hundred and eight Euros (€6,108) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 35. Sale tale quale of a Store without it own airspace at No. 18, Row E3, off Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara as shown edged in red on the plan P.D.11_81_7_18. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand Euros (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the

Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

17th October, 2025

AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI
(ERA)

Espressjoni ta' Interess għal provvediment ta' stalls/trucks tal-ikel u/jew xorb matul avveniment pubbliku

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tgħarraf illi se torganizza avveniment għall-familja fi Spencer Garden, Il-Marsa, nhar il-Ħadd, it-2 ta' Novembru, 2025, bejn is-2.00 p.m. u s-7.00 p.m., jekk it-temp jippermetti.

Numru limitat ta' stalls/trucks tal-ikel se jkunu jistgħu jarmaw fuq il-post.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (https://era.org.mt/wp-content/uploads/2025/10/Expression-of-Interest-for-the-provision-of-food-trucks-Bites-and-Fun.pdf) jew minn (era.org.mt).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY
(ERA)

Expression of Interest for the provision of food and/or drinks stalls/trucks during one public event

The Environment and Resources Authority (ERA) notifiies that it will be organising a family event at Spencer Garden, Marsa, on Sunday, 2nd November, 2025, between 2.00 p.m. and 7.00 p.m., weather permitting.

A limited number of food trucks/stalls will be allowed to set up at the location.

Further information may be obtained from (https://era.org.mt/wp-content/uploads/2025/10/Expression-of-Interest-for-the-provision-of-food-trucks-Bites-and-Fun.pdf) or from (era.org.mt).

17th October, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2025.

ERU1310U25 – Medicinal
ERU1310U25A – Medicinal
ERU1310U25B – Devices
ERU1410U25 – Medicinal
ERU1410U25A – Medicinal

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 20th October, 2025.

ERU1310U25 – Medicinal
ERU1310U25A – Medicinal
ERU1310U25B – Devices
ERU1410U25 – Medicinal
ERU1410U25A – Medicinal

ERU1410U25B – Medicinal
ERU1410U25C – Medicinal
ERU1410U25D – Medicinal
ERU1410U25E – Medicinal
ERU1410U25F – Devices
ERU1410U25G – Medicinal
ERU1410U25H – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 21 ta' Ottubru, 2025.

ERU1510U25 – Devices
ERU1510U25A – Devices
ERU1510U25B – Devices
ERU1510U25C – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-Chief Executive Officer (Sourcing and Supplies Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-avviż li ġej se jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Erbgħa, 5 ta' Novembru, 2025. Talbiet għall-Parteċipazzjoni għandhom jiġu milqugħa BISS permezz ta' ittra elettronika lil (negotiations.cpsu@gov.mt) għal:

RFP Nru 021-5784/25. Vinblastine Sulfate 10mg injection

ERU1410U25B – Medicinal
ERU1410U25C – Medicinal
ERU1410U25D – Medicinal
ERU1410U25E – Medicinal
ERU1410U25F – Devices
ERU1410U25G – Medicinal
ERU1410U25H – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

17th October, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 21st October, 2025.

ERU1510U25 – Devices
ERU1510U25A – Devices
ERU1510U25B – Devices
ERU1510U25C – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

17th October, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer (Sourcing and Supplies Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 5th November, 2025. Requests for Participation are to be submitted ONLY via email to (negotiation.cpsu@gov.mt) for:

RFP No. 021-5784/25. Vinblastine Sulfate 10mg injection

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fis-sejħa ta' hawn fuq jistgħu jitniżżlu minn (https://healthservices.gov.mt/en/cpsu/Pages/Home.aspx).

Is-17 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru, 2025, permezz tal-ePPS jirċievi offerti għal:

Avviż Nru MLC 06/2025. Provvista, installazzjoni, ittestjar u kkummissjonar ta' vehicle control CCTV system inkluż xogħlijiet ċivili, servizzi ta' dawl, power services u sistema ta' CCTV f'erba' postijiet differenti fil-lokalità tal-Mellieħa (il-Manikata).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mil-Kunsill Lokali l-Mqabba sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2025, għal:

Avviż Nru MCL/T/40/01/2025. Żamma u manutenzjoni ta' mogħdijiet u toroq pedonali u xogħlijiet oħra ċivili u anċillari.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kjarifiki jew żidiet mad-dokument tat-tender se jittellgħu u jkunu disponibbli biex jiġu kkonsultati u mniżżla minn dan l-istess sit elettroniku.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke jekk tkun l-iktar waħda vantaġġjuża.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

Documents for participation in the above call can be downloaded from (https://healthservices.gov.mt/en/cpsu/Pages/Home.aspx).

17th October, 2025

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon on Monday, 17th November, 2025, for:

Advt No. MLC/06/2025. Supply, installation, testing and commissioning of a vehicle control CCTV system including civil works, light services, power services and CCTV system at four different locations within the locality of Mellieħa (Manikata).

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

17th October, 2025

MQABBA LOCAL COUNCIL

The Mqabba Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mqabba Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 21st November, 2025, for:

Advt No. MCL/T/40/01/2025. Upkeep and maintenance of footpaths and pedestrian streets and other civil and ancillary works.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th October, 2025

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Sejħiet għall-Applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Pembroke sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Novembru, 2025, għal:

Avviż Nru PLC/T/2025/01. Provvista u installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi u batteriji f-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Pembroke, bi screen li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Id-dokumenti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Is-17 ta' Ottubru, 2025

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Applications will be received by the Pembroke Local Council up to 10.00 a.m. of Thursday, 20th November, 2025, for:

Advt No. PLC/T/2025/01. Supply and installation of PV panels and batteries at the Pembroke Local Council office with an environmentally friendly screen.

Documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and available to view and download from this same website.

17th October, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2607

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Settembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3212/2025, fl-ismijiet Hass Alan David Chapman et vs Mark Camilleri, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mark Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 15 ta' Lulju, 2025

Lil: Mark Camilleri (KI 0177899M) ta' 47, Harbour Court, Flat 4, Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema

Bil-preżenti Hass Alan David Chapman (KI 0286631A) u Nadja Meyer (KI 0286632A) ta' 63, Esperanza, Triq is-Salib, In-Naxxar, jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali bin-numru 2642/2025 datata 9 ta' Ġunju, 2025, u jgħarrfuk illi kif ġja kellhom l-opportunità li jikkomunikaw miegħek fl-ittra bonarja mibgħuta minnhom, il-mittenti qegħdin fl-istadju li jingħataw grant biex jirkupraw xi spejjeż li għamlu fil-proprjetà UCA tagħhom. Minn barra minn hekk, kif ġja spjegaw fl-ittra bonarja msemmija, il-mittenti qegħdin fil-proċess li jbigħu xi assi sabiex ikunu jistgħu jirkupraw mill-ispejjeż inkorsi biex ilestu l-proprjetà tagħhom fin-Naxxar.

Illi għaldaqstant, il-mittenti jiddifidawk milli tippreċedi ulterjorment kif intimat li se tagħmel u qegħdin minn issa jirriservaw id-drittijiet kollha tagħhom skont il-liġi.

By means of a decree of the 12th September, 2025, in the records of the judicial letter number 3212/2025, in the names Hass Alan David Chapman et vs Mark Camilleri the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Mark Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th July, 2025

To: Mark Camilleri (CKI 0177899M) of 47 Harbour Court, Flat 4, Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema

By the present Hass Alan David Chapman (ID 0286631A) and Nadja Meyer (ID 0286632A) of 63, Esperanza, Triq is-Salib, Naxxar, make reference to the judicial letter number 2642/2025 dated 9th June, 2025, and inform you that as they already had the opportunity to communicate with you in their letter, the interpellants are at the stage of being granted a grant to recover any expenses they incurred in their UCA property. Furthermore, as already explained in the aforementioned letter, the interpellants are in the process of selling some assets so that they can recover the expenses incurred to complete their property in Naxxar.

That thus, the interpellants formally solicit you to desist from proceeding further as you had intimated you were going to do and are as from now reserving all their rights according to law.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2608

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2024, fuq talba ta' Paul Abela et ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi tad-dominus directus Josephine Fleri Soler mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1328/2024 fl-ismijiet Paul Abela et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' cens numru 1328/2024 fl-ismijiet Paul Abela (94851M), Joseph Abela (722748M), Francis Abela (454942M), Anna Buhagiar née Abela (818143M) u Jospeh Abela (186165M) vs Kuraturi Deputati inrappreżentanza tal-eredi ta' Josephine Fleri Soler ippreżentat fid-19 ta' Ġunju, 2024, fejn Paul Abela (94851M), Joseph Abela (722748M), Francis Abela (454942M), Anna Buhagiar née Abela (818143M) u Jospeh Abela (186165M) jesponu bir-rispett:

Illi permezz ta' att ta' akkwist datat it-23 ta' Diċembru, 1966, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (anness u mmarkat bħala Dok. 'A'), Michael Attard u John Grima kienu akkwistaw;

a) Plott tal-kejl ta' ċirka ħmistax-il tumola konfinati mil-Lvant ma' Madliena Road, mill-Grigal ma' triq pubblika li tiżbokka għal Baħar iċ-Ċagħaq u mill-Punent mat-triq magħrufa bħala 'Triq il-Fortizza tal-Għargħur';

b) Plott tal-kejl ta' ċirka tliet tumoli u nofs, konfinati mil-Lvant mal-imsemmija triq magħrufa bħala 'Triq il-Fortizza tal-Għargħur', min-Nofsinhar ma' beni ta' Paolo Chectuti u oħrajn u mill-Punent ma' beni tal-familja Agius, Bonnici, Spiteri u Pullicino, jew l-aventi kawża minnhom,

mill-poter ta' Josephine Fleri Soler b'titolu ta' enfitewsi perpetwa. L-ammont ta' ċens pagabbli kien ta' ħamsa u għoxrin lira Sterlina (£25) ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin lira Maltija u erba' milleżmi (Lm25,4) ekwivalenti għal tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€58.23).

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 25th June, 2024, following a request of Paul Abela et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the heirs of the unknown dominus directus Josephine Fleri Soler, in the acts of the schedule of deposit number 1328/2024 in the names Paul Abela et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1328/2024 in the names Paul Abela (94851M), Joseph Abela (722748M), Francis Abela (454942M), Anna Buhagiar née Abela (818143M) and Jospeh Abela (186165M) vs Deputy Curators in representation of the heirs of Josephine Fleri Soler filed on the 19th June, 2024, whereby Paul Abela (94851M), Joseph Abela (722748M), Francis Abela (454942M), Anna Buhagiar née Abela (818143M) and Jospeh Abela (186165M) respectfully submitted:

That by means of a deed of acquisition dated 23rd December, 1966, in the records of Notary Victor Bisazza (attached and marked as Doc. 'A'), Michael Attard and John Grima had acquired;

a) Plot measuring about fifteen tumoli bounded on the east by Madliena Road, on the northeast by a public road abutting to Baħar iċ-Ċagħaq and on the west by a road known as 'Triq il-Fortizza tal-Għargħur';

b) Plot measuring approximately three tumoli and a half, bounded on the east by the said street known as 'Triq il-Fortizza tal-Għargħur', on the south by property of Paolo Chectuti and others and on the west by property of family Agius, Bonnici, Spiteri and Pullicino, or their successors in title,

from the power of Josephine Fleri Soler by title of perpetual emphyteusis. The amount of ground rent payable was twenty five pounds sterling (£25) equivalent to twenty five Maltese lira and four mils (Lm25,4) equivalent to fifty eight euro and twenty three euro cents (€58.23).

Illi permezz ta' att datat l-erbgħa u għoxrin ta' Diċembru, 1966, fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela (anness u mmarkat bħala Dok. B), Michael Attard u John Grima biegħu s-sehem ta' terz (1/3) indiviż parti mill-art fuq deskritta lil George Grima u sussegwentement, permezz tal-att fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela datat l-erbatax (14) ta' Jannar, 1967 (anness u mmarkat bħala Dok. C) Michael Attard, John Grima u George Grima biegħu s-sehem ta' żewġ terzi (2/3) indiviżi lil Francesco Saliba u Carmelo Abela;

That by means of a deed dated twenty-fourth December, 1966, in the records of Notary Salvatore Abela (attached and marked as Doc. B), Michael Attard and John Grima sold the share of one third (1/3) undivided share of the land above described to George Grima and subsequently, by means of a deed in the records of Notary Salvatore Abela dated fourteenth (14) January, 1967 (attached and marked as Doc. C)Michael Attard, John Grima and George Grima sold the share of two thirds (2/3) undivided shares to Francesco Saliba and Carmelo Abela;

Illi in forza ta' att fl-atti tan-Nutar Dott. John Micallef Trigona tal-ħamsa u għoxrin ta' Frar, 1967 (anness u mmarkat bħala Dok. D) il-kumpanija kummerċjali Madliena Estates Limited akkwistat mill-poter ta' Francesco Saliba, Carmelo Abela, Michael Attard, John Grima u George Grima, il-plots surreferiti, b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa;

That in virtue of a deed in the records of Notary doctor John Micallef Trigona of the twenty fifth February, 1967 (attached and marked as Doc. D) the commercial company Madliena Estates Limited acquired the power of Francesco Saliba, Carmelo Abela, Michael Attard, John Grima and George Grima, the plots above mentioned, by title of perpetual sub emphyteusis;

Illi permezz ta' att ta' bejgħ datat is-sitta u għoxrin ta' Jannar, 1970, fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, il-kumpanija kummerċjali Madliena Estates Limited biegħet il-plott tal-kejl ta' ċirka tliet tumoli u nofs surreferiti lil James Robertson;

That by means of a deed of sale dated twenty sixth January, 1970, in the records of Notary Joseph Brincat, the commercial company Madliena Estates Limited sold the plot of the area of circa three tumoli and a half above referred to James Robertson;

Illi permezz ta' deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ datata s-sebgħa ta' Marzu, 1979, fl-ismijiet Francis Saliba, Michael Attard, John Grima, George Grima u Joseph Abela vs Madliena Estates Limited (kopja legali annessa u mmarkata bħala Dok. E), l-att fl-atti tan-Nutar Dott. John Micallef Trigona tal-ħamsa u għoxrin ta' Frar, 1967 (anness u mmarkat bħala Dok. C u msemmi fil-premesssa numru 3) ġie ddikjarat xolt u seħħet devoluzzjoni favur l-atturi tal-porzjonijiet imsemmija fit-tali att, eskluż it-tliet itmien u nofs mibjugħa lil James Robertson permezz tal-att imsemmi fil-premessa preċidenti;

That by means of a decision of the Honourable Commercial Court dated seventh March, 1979, in the names Francis Saliba, Michael Attard, John Grima, George Grima and Joseph Abela vs Madliena Estates Limited (legal copy attached and marked as Doc. E), the deed in the records of Notary doctor John Micallef Trigona of the twenty-fifth February, 1967 (attached and marked as Doc. C and mentioned in premise number 3) was declared dissolved and devolution occurred in favour of the plaintiffs of the portions mentioned in the said act, excluding the three and a half times sold to James Robertson by means of the act mentioned in the previous request;

Illi permezz tal-att datat l-erbatax ta' Ottubru, 1980, fl-atti tan-Nutar Dott. John Micallef Trigona (anness u mmarkat bħala Dok. F) John Bonello u Julian Bonello akkwistaw 1/6 sehem mill-plott rimanenti rispettivament, b'titolu oneruż, mill-poter ta' John Grima u oħrajn;

That by means of a deed dated fourteenth October, 1980, in the records of Notary doctor John Micallef Trigona (attached and marked as Doc. F) John Bonello and Julian Bonello acquired 1/6 a share of the remaining plot respectively, by onerous title, from the power of John Grima and others;

Illi permezz tal-att datat id-dsatax ta' Jannar, 1983, fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona (anness u mmarkat bħala Dok. G), kif korrett b'att tal-istess Nutar datat it-tmienja u għoxrin ta' Awwissu, 1980 (anness u mmarkat bħala Dok. H), Francesco Bonello akkwista terz indiviż mill-plott rimanenti, b'titolu oneruż mingħand Michele Attard;

That by means of a deed dated nineteenth January, 1983, in the records of Notary John Micallef Trigona (attached and marked as Doc. G), as corrected by a deed of the same Notary dated twenty eight th August, 1980 (attached and marked as Doc. H), Francesco Bonello acquired one third undivided share of the remaining plot, by onerous title from Michele Attard;

Illi in forza ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello Du Puis datat is-sittax ta' Frar, 1983 (anness u mmarkat bħala Dok. I) is-segwenti koproprjetarji ddikjaraw illi huma jippossjedu flimkien l-art Ta' Żellieqa,

That in virtue of a contract of partition in the records of Notary Dr George Bonello du Puis dated sixteenth February, 1983 (attached and marked as Doc. I) the following co-owners declared that they jointly own the land Ta' Żellieqa,

sive Il-Misluta, kuntrada tal-Madliena, limiti ta' Ħal Għargħur, tal-kejl ta' cirka 16859 m.k suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 25) fil-kwoti indikati hawn taħt:

a) 1/3 indiviż Francesco Saliba
b) 1/3 indiviż Francesco Bonello
c) 1/6 indiviż John Bonello
d) 1/6 indiviż Julian Bonello
e) 5/24 indiviż Francesca Abela
f) 1/40 indiviż Paul Abela
g) 1/40 indiviż Francis Abela
h) 1/40 indiviż Anne Abela
i) 1/40 indiviż George Abela
j) 1/40 indiviż Joseph Abela

U ddikjaraw illi ma jixtiqux illi jbigħu koproprjetarji u għaldaqstant il-proprjetà inqasmet fi tliet porzjonijiet, bl-ewwel porzjon ikun dak assenjat lil Francesca Abela u wliedha ċoè il-:

a. Porzjon diviż mill-istess art fuq imsemmija, tal-kejl ta' 1361 m.k.,

b. Porzjon tal-art formanti parti mill-istess art fuq imsemmija, tal-kejl ta' 4258m.k.

Kif suġġetti għar-rata tagħhom ta' ċens annwu u perpetwu ta' Lm8.33,3 (ekwivalenti għal €19.40);

Illi għal kull bon fini, il-kwota ta' Francesca Abela u wliedha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġja istitwita bejnha u bejn il-mejjet żewġha Carmelo Abela, li miet nhar it-tnejn u għoxrin ta' Settembru, 1975, u ġiet minnu akkwistata b'titolu oneruż mingħand Michele Attard u oħrajn in forza ta' att fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela tal-erbatax (14) ta' Jannar, 1967 (anness u mmarkat bħala Dok. B);

Illi s-suċċessjoni tal-imsemmi Carmelo Abela ġiet debitament magħmula skont kif jirriżulta mid-denunzja annessa ma' Dok. I surreferit;

Illi s-sehem ta' Francesca Abela eventwalment għadda għand uliedha: Paul Abela, Joseph Abela, Francis Abela, Anna Buhagiar née Abela u George Abela, wara l-mewt tagħha;

Illi s-sehem ta' George Abela, eventwalment għadda għand ħutu, Paul Abela, Joseph Abela, Francis Abela, Anna Buhagiar née Abela, u n-neputi tiegħu Joseph Abela, wara l-mewt tiegħu;

Illi l-porzjoni diviża mill-istess art fuq isemmija, tal-kejl ta' 1361m.k., ġiet mibjugħa kif suġġetta għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' €4.70 permezz tal-att

sive Il-Misluta, district of Madliena, limits of Ħal Għargħur, measuring circa 16859 sq.m subject to the annual and perpetual groundrent of twenty five Maltese lira (Lm 25) in the quotas indicated below:

a) 1/3 undivided share of Francesco Saliba
b) 1/3 undivided share of Francesco Bonello
c) 1/6 undivided share of John Bonello
d) 1/6 undivided share Julian Bonello
e) 5/24 undivided share of Francesca Abela
f) 1/40 undivided share Paul Abela
g) 1/40 undivided share Francis Abela
h) 1/40 undivided share Anne Abela
i) 1/40 undivided share of George Abela
j) 1/40 undivided share Joseph Abela

And declared that they do not wish to remain the co-owners and thus the property fell into three portions, with the first portion being that assigned to Francesca Abela and her children namely:

a. A divided portion of the same land above mentioned, covering an area of 1361sq.m.,

b. A portion of land forming part of the same land above mentioned, covering an area of 4258s.m.

As subject to their annual and perpetual groundrent of L 8.33,3 (equivalent to €19.40);

That for all intents and purposes, the share of Francesca Abela and her children forms part of the Community of acquests already instituted between her and her deceased husband Carmelo Abela, who died on the twenty-second September, 1975, and was acquired by him by onerous title from Michele Attard and others in virtue of a deed in the records of Notary Salvatore Abela of the fourteenth (14) January, 1967 (attached and marked as Doc. B);

That the succession of the said Carmelo Abela was duly made as results from the denunciation attached with Doc. I above referred to;

That the share of Francesca Abela eventually passed on to her children: Paul Abela, Joseph Abela, Francis Abela, Anna Buhagiar née Abela and George Abela, after her death;

That the share of George Abela eventually passed on to his brothers Paul Abela, Joseph Abela, Francis Abela, Anna Buhagiar née Abela, and his nephew Joseph Abela, after his death;

That the divided portion of the same land above mentioned, covering an area of 1361s.m., was sold as subject to its annual and perpetual groundrent in the amount of €4.70

datat l-20 ta' Marzu, 2019, fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella (anness u mmarkat bħala Dok. K);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom permezz tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u jifdu c-ċens annwu u perpetwu ta' €14.70 gravanti l-porzjon tal-art formanti parti mill-istess art fuq imsemmija (fil-premessa numru 8), tal-kejl ta' 4258m.k., kif indikata fis-siteplan annessa u mmarkata bħala Dok. L.

Għaldaqstant, l-esponenti qedgħin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont komplessiv ta' mitejn u erbgħa u disgħin ewro (€294) liema ammont jirrappreżenta l-kapitalizzazzjoni tal-imsemmi ċens annwu u perpetwu gravanti l-proprjetà, kif fuq deskritta, bir-rata stabbilita ta' ħamsa fil-mija (5%), liema somma għandha tiġi liberament żbankata mill-intimati, wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta'Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

by means of the deed dated 20th March, 2019, in the records of Notary Nicholas Vella (attached and marked as Doc. K);

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by means of Article 1501 of the Civil Code of Malta, and redeem the annual and perpetual groundrent of €14.70 burdening the portion of land forming part of the same land above mentioned (in premised number 8), covering an area of 4258sq.m., as indicated in the attached site plan and marked as Doc. L.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority proceed to deposit the amount a total of two hundred and ninety-four euro (€294) which amount represents the capitalisation of the said annual and perpetual groundrent encumbering the property, as above described, at the established rate of five per cent (5%), which sum is to be freely withdrawn by the respondents after the due receipt will be released according to law.

Notify: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, LLD, doctor of Laws.

Today 25th June, 2024

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2609

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2025, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu li ġġib in-numru 307/2025 fl-ismijiet 'Victor u Rita konjuġi Cini vs kuratur deputat sabiex jirrappreżenta assenti/aventi causa ta' Gratiues sive Graze Galea, Constance Gemma sive Connie Conway, Annette Kanack, Victor Galea, Michael Galea, Christine Noonan, Francis Perry, Joseph Galea, Felix Galea, Sam Galea, Richard Angus, Ryhlee Angus' ippreżentata fit-2 ta' Settembru, 2025, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Din iċ-ċedola tirrigwarda:

Illi l-esponenti jikru mingħand l-intimati jew l-aventi causa tagħhom il-fond bin-numru tlieta (3), Triq il-Kanun, Iż-Żebbuġ, Għawdex, versu l-kera ta' mitejn u tmenin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€208.31c) kull sena;

Illi l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw l-ammont ta' €208.31c rappreżentanti l-kera tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) sabiex l-ammont hekk depożitat ikun jista' jiġi rilaxxat lil min huwa intitolat għalih skont il-liġi.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Inferjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 8 ta' Ottubru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri

JAKE MEJLAK
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree issued on the 8th October, 2025, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 8th of October, 2025, it was ordered that a deputy curator be appointed in the records of the schedule of deposit bearing number 307/2025 in names 'Victor and Rita spouses Cini vs. deputy curator to represent the absentees/successors in title of Gratiues sive Graze Galea, Constance Gemma sive Connie Conway, Annette Kanack, Victor Galea, Michael Galea, Christine Noonan, Francis Perry, Joseph Galea, Felix Galea, Sam Galea, Richard Angus, Ryhlee Angus' filed on the 2nd of September, 2025, in the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction and in all other relative and subsequent acts.

This schedule relates to:

Whereas the applicants rent from the respondents or their successors in title the premises numbered three (3), Triq il-Kanun, Żebbuġ, Gozo, at the rent of two hundred and eight euro and thirty-one cents (€208.31c) per annum;

Whereas the applicants in order to discharge themselves from all liability are having recourse to this Honourable Court and under its Authority are depositing the amount of €208.31c representing the rent for the year two thousand and twenty-five (2025) so that the amount so deposited may be released to those entitled to it according to law.

You are hereby ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon all persons who wish to be appointed as curators to appear within six (6) days in this Registry and to file a note declaring thus.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time above given, this Court will proceed to appoint a curator of the office. And after you have done so, or if you encounter any obstacle in the execution of these banns, you are to inform this Court.

Given by the aforesaid Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the aforesaid Court.

This 8th October, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction

JAKE MEJLAK
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2610

Ikunjaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-tletin (30) ta' Settembru, 2025 (Digriet numru 90/2025BS, wara rikors numru 98/2025BS) ġie kkonfermat inabilitat mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Luigi Vella, ġuvni, bin Anthony Vella u Maria Vella née Mercieca, imwieled ir-Rabat, Għawdex, fil-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 27204H.

Maria Vella, mart Anthony Vella, bint Carmel Mercieca u Antoinette née Vella, imwielda r-Rabat, Għawdex, residenti r-Rabat Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 1276G, ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Ottubru, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the thirty (30th) of September of the year 2025 (Decree number 90/2025BS following application number 98/2025(BS) Luigi Vella, bachelor, son of Anthony Vella and Maria Vella née Mercieca, born in Victoria, Gozo, on the 11th of December of the year two thousand and four (2004) and residing in Victoria, Gozo (identity card number 27204(H) has been confirmed inabilitated from all acts of civil life.

Maria Vella, wife of Anthony Vella, daughter of Carmel Mercieca and Antoinette née Vella, born in Victoria, Gozo, residing in Victoria, Gozo, and holder of identity card number 1276G, has been nominated as his curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 14th of October, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2611

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 25/2025AL fl-ismijiet Alison Cremona Jackson vs Peter Cremona, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Peter Cremona a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja) fit-18 ta' Lulju, 2025, il-kawża numru 25/2025AL fl-ismijiet Alison Cremona Jackson vs Peter Cremona, li kienet qed tinstema' mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima mis-17 ta' Ġunju, 2025, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għat-23 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m. quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro.

Esponenti: 25, Jackson House, Pjazza Patri Magri, Il-Marsa

Notifika: 25, Our Dream, Triq il-Fanali, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th September, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Alison Cremona Jackson vs Peter Cremona, Sworn Application Number 25/2025AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Peter Cremona in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Civil Courts (Family Section) on 18th July, 2025, the Application number 25/2025AL, in the names Alison Cremona Jackson vs Peter Cremona, which was sent back from the Madam Justice Jacqueline Padovani Grima on the 17th June, 2025, has been set down again for hearing on the 23rd October, 2025, at 9.30 a.m. before Madam Justice Abigail Lofaro.

Applicant 25, Jackson House, Pjazza Patri Magri, Marsa

Notification: 25, Our Dream Triq il-Fanali, Santa Venera

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2612

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-15 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 241/2023 fl-ismijiet Silvan Agius vs Simon Mercieca, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Simon Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru 241/2023 ippreżentat fit-22 ta' Lulju, 2025, l-appellant Silvan Agius ħassu aggravat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ddatata 2 ta' Lulju, 2025, u jissottometti li l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi li wassalha tieħu deċiżjoni ħażina. Dik il-qorti, b'din id-deċiżjoni errata, ħolqot potenzjal ta' ħsara serja lill-attur u d-difiża tal-opinjoni onesta peress li skont r-raġunament tal-ewwel qorti, qarrej ordinarju u raġjonevoli b'intelligenza, esperjenza u edukazzjoni ordinarja wara li jaqra l-artikoli de quo jaħseb li l-appellant huwa persuna kriminali, opportunista, ipokrita, korrotta u setgħana bla qies. L-appellant iħossu aggravat ukoll li l-ewwel qorti għamlet stqarrija ultra vires meta indikat li l-isqarrijiet tal-appellat fuq l-appellant Silvan Agius li kkommetta reat kriminali kkontemplat fl-artikolu 3 tal-Kap. 567 kienu ġusti u veritieri. Din il-fehma tal-Qorti tmur lil hinn mill-ġuriżdizzjoni tagħha u fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Qorti aġixxiet b'mod ultra vires meta ġġustifikat l-azzjonijiet tal-appellat b'dan il-mod.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddatata 2 ta' Lulju, 2025, fl-ismijiet fuq premessi, u dan billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet tal-attur appellant u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Bl-ispejjeż.

Ir-Rikors numru 241/2023 fl-ismijiet Silvan Agius vs Simon Mercieca jinsab iddifferit għal nhar il-31 ta' Ottubru, 2025, jissejjaħ fil-11.30 a.m.

Notifika: 48, 'Carmelina', Triq Ħal Tarxien, Paola

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 15 ta' Ottubru, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction, on the 15th September, 2025, in the records of Application number 241/2023 in the names Silvan Agius vs Simon Mercieca, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Simon Mercieca in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application No. 241/2023, filed on 22nd July, 2025, appellant Silvan Agius felt aggrieved by the judgment of the Court of Magistrates dated 2nd July, 2025, and submits that the first court made an erroneous evaluation of the evidence which led it to a wrong decision. That court, in virtue of this wrong decision, created potential serious harm to the plaintiff and the defence of an honest opinion since according to the reasoning of the first court an ordinary and reasonable reader with ordinary intelligence, experience and education after reading the articles de quo would think that the appellant is a criminal, an opportunist, a hypocrite and a corrupt and power-hungry person. The appellant also feels aggrieved that the first Court made an ultra vires statement when it indicated that the statements by the respondent on the appellant Silvan Agius who allegedly committed a criminal offence contemplated in Article 3 of Cap 567 were just and truthful. This opinion of the Court goes beyond its jurisdiction and in the humble opinion of the appellant the Court of First Instance acted ultra vires when it justified the actions of the respondent in this manner.

Therefore, the appellant requests with respect that this Honourable Court revokes the judgment of the Court of Magistrates (Malta) dated 2nd July 2025 in the names above premised, and this by dismissing the pleas raised by the respondent defendant and by upholding the appellant plaintiff's demands and this with the costs of both instances against the respondent.

Application number 241/2023 in the names Silvan Agius vs Simon Mercieca has been deferred for hearing to the 31st October, 2025, to be called at 11.30 a.m.

Notification: 48, 'Carmelina', Triq Ħal Tarxien, Paola

Registry of the Courts of Appeal (Inferior jurisdiction), this day 15th October, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2613

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-14 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 22/2025 fl-ismijiet Pierre Portelli (KI 295166M) vs Recowatt Co. Limited (C36987), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction on the 14th July, 2025, in the records of Application number 22/2025 in the names Pierre Portelli (ID 295166M) vs Recowatt Co. Limited (C36987), the following

biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pierre Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru 22/202 ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2025, is-soċjetà appellanti Recowatt Co. Limited ħassitha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-12 ta' Marzu, 2025, stante l-fatt illi l-partijiet daħlu għal ftehim tranżattiv bejniethom versu l-ħlas ta' ammont li sar lill-appellat inkonsiderazzjoni tal-istess tranżazzjoni, u dan bl-intenzjoni espressa illi kwalunkwe kwistjoni ta' bejn il-partijiet tiġi hekk riżolta, u għalhekk, qed isir dan l-appell. Illi l-aggravju ewlieni tas-soċjetà appellanti huwa ċar u manifest, u dan billi t-Tribunal Industrijali inkorra fi żball tad-dritt għaliex id-deċiżjoni appellata li fiha t-Tribunal għażel li jiskarta l-eżistenza ta' ftehim tranżattiv iffirmat bejn il-partijiet, hija waħda ultra vires li tisboq il-limiti tal-ġuriżdizzjoni tal-istess Tribunal hekk kif provdut fl-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti umilment titlob lil din l-onorabbli Qorti sabiex tħassar u tannulla d-deċiżjoni preliminari bin-numru 3060 tat-Tribunal Industrijali mogħtija nhar it-12 ta' Marzu, 2025, stante li l-istess Tribunal ma kellux il-kompetenza skont il-Kap. 452 illi jiddeċiedi illi l-ftehim tranżattiv, li huwa stess jirrikonoxxi, ma għandux japplika għall-każ odjern stante nuqqas ta' qbil mal-isfond ta' kif intlaħaq l-istess ftehim; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Ir-Rikors numru 22/2025 fl-ismijiet Pierre Portelli (KI 295166M) vs Recowatt Co. Limited (C36987) jinsab iddifferit għas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2025, jissejjaħ f'12.00 p.m.

Notifika: 11B, Binja Ġebel Dwejra, Triq San David, L-Imtarfa

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 15 ta' Ottubru, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

publication was ordered for the purpose of effecting service on Pierre Portelli in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal application No 22/202 filed on 24 March, 2025, the appellant company Recowatt Co. Limited felt aggrieved by the judgment delivered by the Industrial Tribunal dated 12th March, 2025, owing to the fact that the parties entered into a compromise agreement between them for the payment of an amount made to the respondent in consideration of the same compromise, and this with the express intention that any dispute between the parties be so resolved, wherefore this appeal is being made. Whereas the main ground of appeal of the appellant company is clear and manifest because the Industrial Tribunal erred at law in that the appealed decision in which the Tribunal chose to ignore the existence of a compromise agreement signed between the parties, is ultra vires and thus exceeds the limits of the jurisdiction of the same Tribunal as provided for in Article 75 of Cap. 452 of the Laws of Malta.

Therefore, the appellant company humbly requests this Honourable Court to cancel and annul the preliminary decision numbered 3060 of the Industrial Tribunal given on the 12th March, 2025, since the same Tribunal did not have the competence according to Cap 452 to decide that the compromise agreement, which it itself acknowledges, should not apply to the present case due to a lack of agreement on the background of how the same agreement was reached; with costs of both instances against the respondent.

Application number 22/2025 in the names Pierre Portelli (ID 295166M) v Recowatt Co. Limited (C36987) has been deferred to the sitting of the 22nd October, 2025, to be called at 12.00 p.m.

Notification: 11B, Binja Ġebel Dwejra, Triq San David, Mtarfa

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), today 15th October, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2614

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Settembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3284/2025, fl-ismijiet Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Gabriel Mihai, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gabriel Mihai, a tenur tal-Art. 891(1) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Gabriel Mihai (KI 117287A) ta' 19, Triq Sant'Andrija, Iż-Żurrieq, fid-19 ta' Settembru, 2025,

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 30th September, 2025, in the records of the judicial letter number 3284/2025, in the names Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Gabriel Mihai, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gabriel Mihai, in terms of Art. 891(1) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Gabriel Mihai (ID 117287A) of 19, Triq Sant Andrija, Żurrieq, on the 19th September, 2025,

Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) ta' Trident Park, Notabile Gardens, No 8b, Level 5, Mdina Road, Zone 2, Birkirkara CBD 2010, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Adil Aftab, sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Adil Aftab (KI 124611A) ta' 36, Triq Mikielanġ Sapiano, Ħal Luqa, jirreferuk għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2023, fi Triq il-Belt Valletta, iż-Żurrieq, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AF27013 misjuqa minnek Gabriel Mihai, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY 356 misjuqa minn u proprjetà tal-assigurat Adil Aftab.

Dan l-imsemmi inċident seħħ unikament tort tiegħek Gabriel Mihai, minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħek. Jidher ukoll illi inti ma kontx kopert b'polza tal-assikurazzjoni valida fil-mument tal-inċident inkwistjoni.

Għalhekk permezz ta' din l-ittra, il-mittenti jinterpellawk sabiex fi żmien mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data ta' din l-ittra, tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti b'rizultat tal-inċident de quo fl-ammont ta' €545.71. Fin-nuqqas li tagħmlu dan, kun avżat li se jittieħdu proċeduri ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek, mingħajr preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u senjatament a tenur tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u sservi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjest mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

